I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) 2022/868 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-30 ta' Mejju 2022**

**dwar il-governanza Ewropea tad-*data* u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-*Data*)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi l-istabbiliment ta' suq intern u l-istituzzjoni ta' sistema li tiżgura li l-kompetizzjoni fis-suq intern ma tiġix distorta. L-istabbiliment ta' regoli u prattiki komuni fl-Istati Membri relatati mal-iżvilupp ta' qafas għall-governanza tad-data jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ilħuq ta' dawk l-objettivi, filwaqt li d-drittijiet fundamentali jiġu rrispettati b'mod sħiħ. Dan jenħtieġ li jiggarantixxi wkoll it-tisħiħ tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni filwaqt li jrawwem fluss liberu internazzjonali tad-data.

(2) Matul l-aħħar deċennju, it-teknoloġiji diġitali ttrasformaw l-ekonomija u s-soċjetà, u affettwaw is-setturi kollha tal-attività u l-ħajja ta' kuljum. Id-data hija fil-qalba ta' dik it-trasformazzjoni: l-innovazzjoni mmexxija mid-data ser iġġib benefiċċji enormi kemm liċ-ċittadini tal-Unjoni kif ukoll lill-ekonomija, pereżempju billi tittejjeb u tiġi personalizzata l-mediċina, tiġi pprovduta mobbiltà ġdida, u jsir kontribut għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Sabiex l-ekonomija mmexxija mid-data ssir inklużiva għaċ-ċittadini tal-Unjoni — kollha, trid tingħata attenzjoni partikolari biex jitnaqqas id-distakk diġitali, tingħata spinta lill-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija tad-data u jitrawwem għarfien espert Ewropew tal-ogħla livell fis-settur tat-teknoloġija. L-ekonomija tad-data trid tinbena b'mod li jippermetti lill-impriżi, b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), kif definiti fl-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([3]), u lin-negozji l-ġodda jirnexxu, filwaqt li jiġu żgurati n-newtralità tal-aċċess għad-data u l-portabilità u l-interoperabilità tad-data, u filwaqt li jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament tal-klijentela. Fil-komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Frar 2020 dwar strateġija Ewropea għad-data("l-"Istrateġija Ewropea għad-Data"), il-Kummissjoni ddeskriviet il-viżjoni ta' spazju komuni Ewropew tad-data, jiġifieri suq intern għad-data li fih tista' tintuża d-data irrispettivament mill-post fiżiku tal-ħżin tagħha fl-Unjoni f'konformità mal-liġi applikabbli, li, fost oħrajn jista' jkun essenzjali għall-iżvilupp rapidu tat-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali.

([1]) ĠU C 286, 16.7.2021, p. 38.

([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2022 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2022.

([3]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

Il-Kummissjoni appellat ukoll għall-fluss ħieles u sikur tad-data ma' pajjiżi terzi, soġġett għal eċċezzjonijiet u restrizzjonijiet għas-sigurtà pubblika, l-ordni pubblika u objettivi leġittimi oħra tal-politika pubblika tal-Unjoni, f'konformità mal-obbligi internazzjonali, inkluż dwar id-drittijiet fundamentali. Sabiex din il-viżjoni tinbidel f'realtà, il-Kummissjoni proponiet li tistabbilixxi spazji komuni Ewropej tad-data speċifiċi għad-dominju, għall-kondiviżjoni tad-data u l-ġbir tad-data. Kif propost fl-istrateġija Ewropea għad-data, tali spazji komuni Ewropej tad-data jistgħu jkopru oqsma bħas-saħħa, il-mobbiltà, il-manifattura, is-servizzi finanzjarji, l-enerġija, jew l-agrikoltura, jew taħlita ta' oqsma bħal dawn, pereżempju l-enerġija u l-klima, kif ukoll oqsma tematiċi bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew jew spazji Ewropej tad-data għall-amministrazzjoni pubblika jew il-ħiliet. L-ispazji komuni Ewropej tad-data jenħtieġ li jagħmlu d-data b'mod li tista' tinstab, aċċessibbli, interoperabbli u li tista' tintuża mill-ġdid (il-"prinċipji FAIR dwar id-data"), filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' ċibersigurtà. Fejn ikun hemm kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-ekonomija tad-data, l-impriżi jikkompetu fuq il-kwalità tas-servizzi, u mhux fuq l-ammont ta' data li jikkontrollaw. Għall-finijiet tad-disinn, il-ħolqien u ż-żamma tal-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-ekonomija tad-data, hija meħtieġa governanza tajba, fejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti ta' spazju komuni Ewropew tad-data jenħtieġ li jipparteċipaw u jkunu rrappreżentati.

(3) Jeħtieġ li jittejbu l-kondizzjonijiet għall-kondiviżjoni tad-data fis-suq intern, billi jinħoloq qafas armonizzat għall-iskambji tad-data u jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti bażiċi għall-governanza tad-data, filwaqt li tingħata attenzjoni speċifika biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollu l-għan li jiżviluppa aktar is-suq intern diġitali mingħajr fruntieri u soċjetà u ekonomija tad-data ċċentrati fuq il-bniedem, affidabbli u siguri. liġi tal-Unjoni speċifika għas-settur tista' tiżviluppa, tadatta u tipproponi elementi ġodda u komplementari, skont l-ispeċifiċitajiet tas-settur, bħal-liġi tal-Unjoni prevista dwar l-ispazju Ewropew għad-data dwar is-saħħa u dwar l-aċċess għad-data dwar il-vetturi.Barra minn hekk, ċerti setturi tal-ekonomija diġà huma rregolati mil-liġi tal-Unjoni speċifika għas-settur, li tinkludi regoli relatati mal-kondiviżjoni tad-data, jew l-aċċess għaliha, transfruntier jew mal-Unjoni kollha, pereżempju d-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] fil-kuntest tal-ispazju Ewropew tad-data dwar is-saħħa, u l-atti leġiżlattivi rilevanti fil-qasam tat-trasport bħar-Regolamenti (UE) 2019/1239 [5] u (UE) 2020/1056 [6] u d-Direttiva 2010/40/UE [7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-kuntest tal-ispazju Ewropew tad-data dwar il-mobbiltà.

---

(4) Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

(5) Ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE, (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64).

(6) Ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33).

(7) Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport. (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

Għaldaqstant jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (KE) Nru 223/2009 ([8]), (UE) 2018/858 ([9]) u (UE) 2018/1807 ([10]) kif ukoll id-Direttivi 2000/31/KE ([11]), 2001/29/KE ([12]), 2004/48/KE ([13]), 2007/2/KE ([14]), 2010/40/UE, (UE) 2015/849 ([15]), (UE) 2016/943 ([16]), (UE) 2017/1132 ([17]), (UE) 2019/790 ([18]) u (UE) 2019/1024 ([19]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u kwalunkwe liġi oħra tal-Unjoni speċifika għas-settur li tirregola l-aċċess għad-data u l-użu mill-ġdid tagħha. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali dwar l-aċċess għal data u l-użu tagħha għall-fini tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, kif ukoll tal-kooperazzjoni internazzjonali f'dak il-kuntest.

Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża u s-sigurtà nazzjonali. Jenħtieġ li l-użu mill-ġdid ta' data protetta għal tali raġunijiet u li tinżamm minn korpi tas-settur pubbliku, inkluż data minn proċeduri ta' akkwist li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]), ma jkunx kopert minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jiġi stabbilit reġim orizzontali għall-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' data protetta miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku, il-forniment ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u ta' servizzi bbażati fuq l-altruwiżmu fir-rigward tad-data fl-Unjoni. Il-karatteristiċi speċifiċi ta' setturi differenti jistgħu jeħtieġu t-tfassil ta' sistemi settorjali bbażati fuq id-data, filwaqt li jibnu fuq ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Il-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw it-tikketta ta' "fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data rikonoxxut fl-Unjoni". Persuni ġuridiċi li jfittxu li jappoġġaw objettivi ta' interess ġenerali billi jagħmlu disponibbli d-data rilevanti bbażata fuq l-altruwiżmu fir-rigward tad-data fuq l-iskala u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirreġistraw u jużaw it-tikketta "organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fl-Unjoni". Fejn liġi tal-Unjoni jew liġi nazzjonali speċifika għas-settur teħtieġ li korpi tas-settur pubbliku, tali fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew tali persuni ġuridiċi (organizzazzjonijiet rikonoxxuti ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data) jikkonformaw ma' rekwiżiti tekniċi, amministrattivi jew organizzattivi addizzjonali speċifiċi, inkluż permezz ta' reġim ta' awtorizzazzjoni jew ċertifikazzjoni, dawk id-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali speċifika għas-settur jenħtieġ li japplikaw ukoll.

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropa. (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59).

([11]) Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku") (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

([12]) Id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni. (ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10).

([13]) Id-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45).

([14]) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

([15]) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

([16]) Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom. (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

([17]) Id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 46).

([18]) Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE. (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92).

([19]) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

([20]) Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

(4) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 ([21]) u (UE) 2018/1725 ([22]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għad-Direttivi 2002/58/KE ([23]) u (UE) 2016/680 ([24]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-liġi nazzjonali, inkluż fejn id-data personali u d-data mhux personali f'sett ta' data jkunu marbuta flimkien b'mod inseparabbli. B'mod partikolari, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jinftehimx bħala li joħloq bażi ġuridika ġdida għall-ipproċessar tad-data personali għal kwalunkwe waħda mill-attivitajiet regolati, jew li jemenda r-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ma timpedixxix milli jsiru trasferimenti transfruntiera ta' data f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679. Fil-każ ta' kunflitt bejn dan ir-Regolament u l-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali jew liġi nazzjonali adottata f'konformità ma' tali liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li tipprevali il-liġi rilevanti, tal-Unjoni jew dik nazzjonali, dwar il-protezzjoni tad-data. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jitqiesu li huma awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament. Meta awtoritajiet oħra jiffunzjonaw bħala awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jagħmlu dan mingħajr preġudizzju għas-setgħat u kompetenzi superviżorji tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

(5) Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex tiżdied il-fiduċja fil-kondiviżjoni tad-data billi jiġu stabbiliti mekkaniżmi adatti għall-kontroll mis-suġġetti tad-data u mid-detenturi tad-data fuq data li tirrigwardahom, u sabiex jiġu indirizzati barrieri oħra għal ekonomija mmexxija mid-data li tiffunzjona tajjeb u kompetittiva. Dik l-azzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi u l-impenji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali konklużi mill-Unjoni. Qafas ta' governanza għall-Unjoni kollha jenħtieġ li jkollu l-objettiv li jibni l-fiduċja fost l-individwi u l-impriżi fir-rigward tal-aċċess, il-kontroll, il-kondiviżjoni, l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data, b'mod partikolari billi jistabbilixxi mekkaniżmi adatti għas-suġġetti tad-data biex ikunu jafu d-drittijiet tagħhom u jeżerċitawhom b'mod sinifikattiv, kif ukoll fir-rigward tal-użu mill-ġdid ta' ċerti tipi ta' data li jinżammu mill-korpi tas-settur pubbliku, il-forniment ta' servizzi minn fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data lil suġġetti tad-data, lid-detenturi tad-data u lill-utenti tad-data, kif ukoll il-ġbir u l-ipproċessar ta' data li tkun magħmula disponibbli għal skopijiet altruwistiċi minn persuni fiżiċi u ġuridiċi. B'mod partikolari, aktar trasparenza rigward l-iskop tal-użu tad-data u l-kondizzjonijiet tal-ħżin tad-data mill-impriżi tista' tgħin iżżid il-fiduċja.

(6) L-idea li d-data li ġiet iġġenerata jew miġbura minn korpi tas-settur pubbliku jew entitajiet oħra għad-detriment tal-bġits pubbliċi jenħtieġ li tkun ta' benefiċċju għas-soċjetà ilha parti mill-politika tal-Unjoni għal żmien twil. Id-Direttiva (UE) 2019/1024 u l-liġi tal-Unjoni speċifika għas-settur jiżguraw li l-korpi tas-settur pubbliku jagħmlu volum akbar mid-data li jipproduċi faċilment disponibbli għall-użu u l-użu mill-ġdid. Madankollu, ċerti kategoriji ta' data, bħal data kummerċjalment kunfidenzjali, data soġġetta għall-kunfidenzjalità tal-istatistika u data protetta mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' partijiet terzi, inkluż sigrieti kummerċjali u data personali, fil-bażijiet tad-data pubbliċi ħafna drabi ma tkunx disponibbli, lanqas għar-riċerka jew għall-attivitajiet innovattivi fl-interess pubbliku, minkejja li tali disponibbiltà hija possibbli f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttivi 2002/58/KE u (UE) 2016/680. Minħabba s-sensittività ta' tali data, ċerti rekwiżiti proċedurali tekniċi u legali jridu jiġu ssodisfati qabel ma jsiru disponibbli, mhux l-anqas sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li oħrajn ikollhom fuq dik id-data, jew biex jiġi llimitat l-impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali, il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u l-protezzjoni tad-data. L-issodisfar ta' tali rekwiżiti normalment ikun intensiv fiż-żmien u fl-għarfien. Dan wassal għal użu insuffiċjenti ta' data bħal din. Filwaqt li xi Stati Membri qed jistabbilixxu strutturi, proċessi jew leġiżlazzjoni biex jiffaċilitaw dak it-tip ta' użu mill-ġdid, dan mhuwiex il-każ fl-Unjoni kollha. Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tad-data għar-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej mill-entitajiet privati u pubbliċi, huma meħtieġa kondizzjonijiet ċari għall-aċċess għal tali data u l-użu tagħha madwar l-Unjoni.

([21]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([22]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([23]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

([24]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

(7) Hemm tekniki li jippermettu analiżi fuq bażijiet tad-data li fihom data personali, bħall-anonimizzazzjoni, il-privatezza differenzjali, il-ġeneralizzazzjoni, is-soppressjoni, u l-każwalizzazzjoni, l-użu ta' data sintetika jew metodi simili u metodi oħra ta' preservazzjoni tal-privatezza avvanzati li jistgħu jikkontribwixxu għal ipproċessar tad-data aktar faċli għall-privatezza. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu appoġġ lill-korpi tas-settur pubbliku sabiex jagħmlu l-aħjar użu minn tali tekniki, u b'hekk jagħmlu l-akbar ammont possibbli ta' data disponibbli għall-kondiviżjoni. L-applikazzjoni ta' tali tekniki, flimkien ma' valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi għall-protezzjoni tad-data u salvagwardji oħra jistgħu jikkontribwixxu għal aktar sikurezza fl-użu u fl-użu mill-ġdid tad-data personali u jenħtieġ li dawn jiżguraw l-użu mill-ġdid sikur tad-data tan-negozju kummerċjalment kunfidenzjali għal skopijiet ta' riċerka, innovazzjoni u statistika. F'ħafna każijiet l-applikazzjoni ta' tali tekniki, valutazzjonijiet tal-impatt u salvagwardji oħra jimplika li d-data tista' tintuża jew tintuża mill-ġdid biss f'ambjent ta' pproċessar sigur li jkun ipprovdut jew ikkontrollat mill-korp tas-settur pubbliku. Hemm esperjenza fil-livell tal-Unjoni b'tali ambjenti tal-ipproċessar siguri li jintużaw għar-riċerka dwar mikrodata statistika abbażi tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2013 ([25]). B'mod ġenerali, sa fejn hija kkonċernata d-data personali, l-ipproċessar tad-data personali jenħtieġ li jkun ibbażat fuq bażi legali waħda jew aktar għall-ipproċessar previsti fl-Artikoli 6 u 9 tar-Regolament (UE) 2016/679.

(8) F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data ma japplikawx għall-informazzjoni anonima, jiġifieri informazzjoni li mhijiex relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli, jew għal data personali li ssir anonima b'tali mod li s-suġġett tad-data ma jkunx jew ma jkunx għadu identifikabbli. Jenħtieġ li tkun ipprojbita l-identifikazzjoni mill-ġdid tas-suġġetti tad-data minn settijiet ta' data anonimizzati. Dan ma jippreġudikax il-possibbiltà li titwettaq riċerka dwar tekniki ta' anonimizzazzjoni, b'mod partikolari għall-fini tal-iżgurar tas-sigurtà tal-informazzjoni, it-titjib tat-tekniki ta' anonimizzazzjoni eżistenti u l-kontribut għar-robustezza ġenerali tal-anonimizzazzjoni, imwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

(9) Sabiex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni tad-data personali u tad-data kunfidenzjali u biex jitħaffef il-proċess tat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' tali data għall-użu mill-ġdid skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lill-korpi tas-settur pubbliku biex joħolqu u jagħmlu disponibbli data f'konformità mal-prinċipju ta' "ftuħ sa mill-fażi tad-disinn u b'mod awtomatiku" imsemmi fl-Artikolu 5 (2) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 u biex jippromwovu l-ħolqien u l-akkwist ta' data f'formati u fi strutturi li jiffaċilitaw l-anonimizzazzjoni f'dak ir-rigward.

(10) Il-kategoriji ta' data miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku li jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-użu mill-ġdid skont dan ir-Regolament jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1024 li teskludi data li mhijiex aċċessibbli minħabba kunfidenzjalità kummerċjali u statistika u data li hija inkluża f'xogħlijiet jew materjal ieħor li partijiet terzi għandhom drittijiet ta' proprjetà intellettwali fuqhom. Data kummerċjalment kunfidenzjali tinkludi data protetta minn sigrieti kummerċjali, għarfien protett u kwalunkwe informazzjoni oħra li l-iżvelar mhux dovut tagħha jkollu impatt fuq il-pożizzjoni fis-suq jew fuq is-saħħa finanzjarja tal-impriża. Jenħtieġ li dan ir-regolament japplika għal data personali li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1024 sakemm ir-reġim ta' aċċess jeskludi jew jirrestrinġi l-aċċess għal tali data għar-raġunijiet tal-protezzjoni tad-data, il-privatezza u l-integrità tal-individwu, b'mod partikolari f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. L-użu mill-ġdid ta' data, li jista' jkun fiha sigrieti kummerċjali, jenħtieġ li jsir mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2016/943, li tistabbilixxi l-qafas għall-akkwist, l-użu jew l-iżvelar legali ta' sigrieti kummerċjali.

(11) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma joħloqx obbligu li jkun permess l-użu mill-ġdid tad-data li tinżamm mill-korpi tas-settur pubbliku. B'mod partikolari, jenħtieġ għalhekk li kull Stat Membru jkun jista' jiddeċiedi jekk id-data ssirx aċċessibbli għall-użu mill-ġdid, anke f'termini tal-iskopijiet u l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali aċċess. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkomplementa u jkun mingħajr preġudizzju għal obbligi aktar speċifiċi fuq korpi tas-settur pubbliku li jippermettu l-użu mill-ġdid ta' data stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali speċifika għas-settur. L-aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali jista' jitqies bħala interess pubbliku. Filwaqt li jitqies ir-rwol tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti uffiċjali u t-trasparenza f'soċjetà demokratika, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun ukoll mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali dwar l-għoti ta' aċċess għad-dokumenti uffiċjali u l-iżvelar tagħhom. L-aċċess għad-dokumenti uffiċjali jista' b'mod partikolari jingħata f'konformità mal-liġi nazzjonali mingħajr ma jiġu imposti kondizzjonijiet speċifiċi jew billi jiġu imposti kondizzjonijiet speċifiċi li mhumiex previsti minn dan ir-Regolament.

([25]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 557/2013 tas-17 ta' Ġunju 2013 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istatistika Ewropea fir-rigward tal-aċċess għal data kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 (ĠU L 164, 18.6.2013, p. 16).

(12) Ir-reġim ta' użu mill-ġdid previst f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għad-data li l-provvista tagħha tifforma parti mill-kompiti pubbliċi tal-korpi tas-settur pubbliku kkonċernati skont il-liġi jew regoli vinkolanti oħra fl-Istati Membri. Fin-nuqqas ta' regoli bħal dawn, il-kompiti pubbliċi jenħtieġ li jiġu definiti f'konformità mal-prattika amministrattiva komuni fl-Istati Membri, sakemm l-ambitu tal-kompiti pubbliċi jkun trasparenti u soġġett għal rieżami. Il-kompiti pubbliċi jistgħu jiġu definiti b'mod ġenerali jew fuq bażi ta' każ b'każ għal korpi individwali tas-settur pubbliku. Peress li l-impriżi pubbliċi mhumiex koperti mid-definizzjoni ta' korp tas-settur pubbliku, jenħtieġ li d-data li tinżamm minn impriżi pubbliċi ma tkunx koperta minn dan ir-Regolament. Id-data miżmuma minn stabbilimenti kulturali, bħal-libreriji, l-arkivji u l-mużewijiet, kif ukoll l-orkestri, l-opri, il-ballets, it-teatri u mill-istabbilimenti edukattivi jenħtieġ li ma tkunx koperta minn dan ir-Regolament peress li x-xogħlijiet u dokumenti oħra li jkollhom huma koperti b'mod predominanti minn drittijiet ta' proprjetà intellettwali ta' partijiet terzi. Organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka jistgħu jkunu organizzati wkoll bħala korpi tas-settur pubbliku jew korpi rregolati bil-liġi pubblika.

Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għal tali organizzazzjonijiet ibridi fil-kapaċità tagħhom biss ta' organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka. Jekk organizzazzjoni li twettaq ir-riċerka żżomm data bħala parti minn assoċjazzjoni pubblika-privata speċifika ma' organizzazzjonijiet tas-settur privat jew ma' korpi tas-settur pubbliku oħra, korpi rregolati bil-liġi pubblika jew organizzazzjonijiet ibridi li jwettqu r-riċerka, jiġifieri organizzati jew bħala korpi tas-settur pubbliku jew bħala impriżi pubbliċi, bil-għan ewlieni li ssir riċerka, jenħtieġ li lanqas dik id-data ma tkun koperta minn dan ir-Regolament. Fejn ikun rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw dan ir-Regolament għal impriżi pubbliċi jew impriżi privati li jeżerċitaw dmirijiet fis-settur pubbliku jew li jipprovdu servizzi ta' interess ġenerali. Jenħtieġ li l-iskambju ta' data, purament għat-twettiq tal-kompiti pubbliċi tagħhom, fost il-korpi tas-settur pubbliku fl-Unjoni, jew bejn korpi tas-settur pubbliku fl-Unjoni u korpi tas-settur pubbliku f'pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali,, kif ukoll l-iskambju ta' data bejn riċerkaturi għal finijiet ta' riċerka xjentifika mhux kummerċjali, ma jkunx soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' data protetta miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku.

(13) Il-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ li jikkonformaw mal-liġi tal-kompetizzjoni meta jistabbilixxu l-prinċipji għall-użu mill-ġdid tad-data li jkollhom, u jevitaw il-konklużjoni ta' ftehimiet, li jista' jkollhom bħala l-objettiv jew l-effett tagħhom il-ħolqien ta' drittijiet esklużivi għall-użu mill-ġdid ta' ċerta data. Tali ftehimiet jenħtieġ li jkunu possibbli biss meta jkun ġustifikat u neċessarju għall-forniment ta' servizz jew il-provvista ta' prodott fl-interess ġenerali. Dan jista' jkun il-każ meta l-użu esklużiv tad-data jkun l-uniku mod biex jiġu massimizzati l-benefiċċji soċjetali tad-data inkwistjoni, pereżempju fejn ikun hemm entità waħda biss (li speċjalizzat fl-ipproċessar ta' sett ta' data speċifiku) li kapaċi jipprovdu s-servizz jew ifornu l-prodott li jippermetti lill-korp tas-settur pubbliku jforni servizz jew jipprovdi prodott fl-interess ġenerali. Madankollu, jenħtieġ li arranġamenti bħal dawn jiġu konklużi f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli u jkunu soġġetti għal rieżami regolari bbażat fuq analiżi tas-suq sabiex jiġi aċċertat jekk din l-esklużività tkomplix tkun meħtieġa. Barra minn hekk, tali arranġamenti jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat, kif xieraq, u jenħtieġ li jiġu konklużi għal durata limitata, li jenħtieġ li ma jaqbiżx it-12-il xahar. Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, jenħtieġ li tali ftehimiet esklużivi jiġu ppubblikati online, f'forma li tkun f'konformità mal-liġi rilevanti tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku. Jenħtieġ li, meta dritt esklużiv għall-użu mill-ġdid tad-data ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament, dak id-dritt esklużiv jenħtieġ li jkun invalidu.

(14) Ftehimiet esklużivi pprojbiti u prattiki jew arranġamenti għall-użu mill-ġdid ta' data miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku li ma jagħtux drittijiet esklużivi b'mod espliċitu iżda li b'mod raġonevoli jistgħu jkunu mistennija li jirrestrinġu d-disponibbiltà tad-data għall-użu mill-ġdid li jkunu diġà ġew konklużi jew li diġà kienu fis-seħħ qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jiġġeddux wara l-iskadenza tat-terminu tagħhom. Fil-każ ta' ftehimiet indefiniti jew fuq perjodu ta' żmien itwal, dawn jenħtieġ li jintemmu fi żmien 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(15) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-użu mill-ġdid ta' data protetta li japplikaw għall-korpi tas-settur pubbliku ddeżinjati bħala kompetenti skont il-liġi nazzjonali biex jagħtu jew jirrifjutaw l-aċċess għall-użu mill-ġdid, u li huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet jew l-obbligi li jikkonċernaw l-aċċess għal tali data. Dawk il-kondizzjonijiet jenħtieġ li jkunu nondiskriminatorji, trasparenti, proporzjonati u oġġettivament ġustifikati, filwaqt li ma jirrestrinġux il-kompetizzjoni, b'enfasi speċifika fuq il-promozzjoni tal-aċċess għal tali data minn SMEs u negozji ġodda. Il-kondizzjonijiet għall-użu mill-ġdid jenħtieġ li jitfasslu b'mod li jippromwovi r-riċerka xjentifika sabiex, pereżempju, bħala regola, l-prijoritizzazzjoni tar-riċerka xjentifika titqies bħala nondiskriminatorja. Il-korpi tas-settur pubbliku li jippermettu l-użu mill-ġdid jenħtieġ li jkollhom il-mezzi tekniċi meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi ta' partijiet terzi u jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jitolbu l-informazzjoni meħtieġa mill-utent mill-ġdid. Il-kondizzjonijiet marbuta mal-użu mill-ġdid tad-data jenħtieġ li jkunu limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu ppreżervati d-drittijiet u l-interessi ta' partijiet terzi fid-data u l-integrità tat-teknoloġija tal-informazzjoni u s-sistemi ta' komunikazzjoni tal-korpi tas-settur pubbliku. Il-korpi tas-settur

pubbliku jenħtieġ li japplikaw kondizzjonijiet li jaqdu bl-aħjar mod l-interessi tal-utent mill-ġdid mingħajr ma jwasslu għal piż sproporzjonat għall-korpi tas-settur pubbliku. Jenħtieġ li jitfasslu kondizzjonijiet dwar l-użu mill-ġdid tad-data biex jiġu żgurati salvagwardji effettivi fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali. Qabel it-trażmissjoni, id-data personali jenħtieġ li tiġi anonimizzata kompletament, sabiex ma jkunux jistgħu jiġu identifikati s-suġġetti tad-data, u data li jkun fiha informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jenħtieġ li tiġi modifikata b'tali mod li ma tiġi żvelata ebda informazzjoni kunfidenzjali. Fejn l-għoti ta' data anonimizzata jew modifikata ma jkunx jissodisfa l-ħtiġijiet tal-utent mill-ġdid, soġġett għall-issodisfar ta' kwalunkwe rekwiżit ta' twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt tal-protezzjoni tad-data u l-konsulta mal-awtorità superviżorja skont l-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fejn ir-riskji għad-drittijiet u għall-interessi tas-suġġetti tad-data jinstab li huma minimi, l-użu mill-ġdid tad-data f'ambjent ta' pproċessar sigur fuq is-sit jew mill-bogħod jista' jkun permess.

Dan jista' jkun arranġament xieraq għall-użu mill-ġdid ta' data psewdonimizzata. L-analiżi tad-data f'ambjenti ta' pproċessar siguri bħal dawn jenħtieġ li jiġu ssorveljati mill-korp tas-settur pubbliku, sabiex jiġu protetti d-drittijiet u l-interessi ta' partijiet terzi. B'mod partikolari, id-data personali jenħtieġ li tiġi trażmessa lil parti terza għall-użu mill-ġdid biss fejn bażi legali taħt il-liġi tal-protezzjoni tad-data tippermetti tali trażmissjoni. Data mhux personali jenħtieġ li tiġi trażmessa biss fejn ma jkun hemm ebda raġuni biex wieħed jemmen li l-kombinazzjoni ta' settijiet ta' data mhux personali twassal għall-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data. Dan jenħtieġ li japplika wkoll għal data psewdonimizzata li żżomm l-istatus tagħha bħala data personali. Fil-każ ta' identifikazzjoni mill-ġdid ta' suġġetti tad-data, jenħtieġ li japplika obbligu li jiġi nnotifikat tali ksur tad-data lill-korp tas-settur pubbliku flimkien ma' obbligu li jiġi nnotifikat tali ksur tad-data lil awtorità superviżorja u lis-suġġett tad-data f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. Fejn rilevanti, il-korpi tas-settur pubbliku, jenħtieġ li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid ta' data abbażi tal-kunsens tas-suġġetti tad-data jew il-permessi tad-detenturi tad-data dwar l-użu mill-ġdid ta' data li tappartjeni għalihom permezz ta' mezzi tekniċi adegwati. F'dak ir-rigward, il-korp tas-settur pubbliku jenħtieġ li jagħmel l-aħjar sforz biex jipprovdi għajnuna lill-utenti mill-ġdid potenzjali fit-tfittxija ta' tali kunsens jew permess billi jistabbilixxi mekkaniżmi tekniċi li jippermettu t-trażmissjoni ta' talbiet għall-kunsens jew il-permess mill-utenti mill-ġdid, fejn dan ikun fattibbli fil-prattika. Jenħtieġ li ma tingħata ebda informazzjoni ta' kuntatt li tippermetti lill-utenti mill-ġdid jikkuntattjaw lis-suġġetti tad-data jew lid-detenturi tad-data direttament. Meta l-korp tas-settur pubbliku jittrażmetti talba għal kunsens jew permess, huwa jenħtieġ li jiżgura li s-suġġett tad-data jew id-detentur tad-data jkun infurmat b'mod ċar dwar il-possibbiltà li jirrifjuta l-kunsens jew il-permess.

(16) Sabiex jiġi ffaċilitat u mħeġġeġ l-użu tad-data li tinżamm mill-korpi tas-settur pubbliku għall-finijiet ta' riċerka xjentifika, il-korpi tas-settur pubbliku huma mħeġġa jiżviluppaw approċċ armonizzat u proċessi armonizzati biex dik id-data ssir faċilment aċċessibbli għall-finijiet ta' riċerka xjentifika fl-interess pubbliku. Dan jista' jfisser, fost oħrajn, il-ħolqien ta' proċeduri amministrattivi simplifikati, ifformattjar standardizzat tad-data, metadata informattiva dwar l-għażliet metodoloġiċi u ta' ġbir tad-data, u kampijiet tad-data standardizzati li jippermettu t-tagħqid faċli ta' settijiet ta' data minn sorsi differenti ta' data tas-settur pubbliku fejn ikun rilevanti għall-finijiet ta' analiżi. Jenħtieġ li l-objettiv ta' dawk il-prattiki jkun il-promozzjoni tad-data ffinanzjata u prodotta pubblikament għall-finijiet ta' riċerka xjentifika f'konformità mal-prinċipju ta' "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ".

(17) Jenħtieġ li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' partijiet terzi ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ir-Regolament la jaffettwa l-eżistenza jew is-sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-korpi tas-settur pubbliku, u lanqas jillimita l-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet b'xi mod. L-obbligi imposti f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw biss sakemm ikunu kompatibbli ma' ftehimiet internazzjonali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi (il-Konvenzjoni ta' Berna), il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali relatati mal-Kummerċ (Il-Ftehim TRIPS) u t-Trattat tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali dwar id-Drittijiet tal-Awtur (WCT), u l-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-proprjetà intellettwali. Madankollu, il-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ li jeżerċitaw id-drittijiet tal-awtur tagħhom b'mod li jiffaċilita l-użu mill-ġdid.

(18) Id-data soġġetta għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kif ukoll għas-sigrieti kummerċjali jenħtieġ li tiġi trażmessa lil parti terza biss fejn din it-trażmissjoni tkun legali skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali jew bil-qbil tad-detentur tad-drittijiet. Fejn korpi tas-settur pubbliku huma detenturi tad-dritt ta' min jagħmel bażi ta' data previst fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]) jenħtieġ li ma jeżerċitawx dak id-dritt sabiex jipprevjenu l-użu mill-ġdid ta' data jew jirrestrinġu l-użu mill-ġdid lil hinn mil-limiti stabbiliti b'dan ir-Regolament.

([26]) Id-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20).

(19) L-impriżi u s-suġġetti tad-data jenħtieġ li jkunu jistgħu jkollhom fiduċja fil-fatt li l-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' data protetta li huma miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku, ser isir b'mod li jirrispetta d-drittijiet u l-interessi tagħhom. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji addizzjonali għal sitwazzjonijiet li fihom l-użu mill-ġdid ta' tali data tas-settur pubbliku jseħħ abbażi ta' pproċessar tad-data barra mis-settur pubbliku, tali salvagwardja addizzjonali tista' tinstab fir-rekwiżit li l-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet u l-interessi tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi jkunu protetti bis-sħiħ, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, data kummerċjalment sensittiva u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-każijiet kollha inkluż fejn tali data tiġi trasferita lil pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-korpi tas-settur pubbliku ma jippermettux l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni maħżuna f'applikazzjonijiet tas-saħħa elettronika minn impriżi tal-assigurazzjoni jew kwalunkwe fornitur ta' servizz ieħor għall-fini ta' diskriminazzjoni fl-iffissar tal-prezzijiet, għax dan imur kontra d-dritt fundamentali ta' aċċess għas-saħħa.

(20) Barra minn hekk, sabiex jiġu ppreservati l-kompetizzjoni ġusta u l-ekonomija tas-suq miftuħa huwa tal-akbar importanza li tiġi salvagwardjata data protetta ta' natura mhux personali, b'mod partikolari sigrieti kummerċjali, iżda wkoll data mhux personali li tirrappreżenta kontenut protett minn drittijiet ta' proprjetà intellettwali kontra aċċess illegali li jista' jwassal għal serq ta' proprjetà intellettwali jew spjunaġġ industrijali. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet jew l-interessi tad-detenturi tad-data, jenħtieġ li jkun possibbli li data mhux personali li għandha tiġi protetta minn aċċess illegali jew mhux awtorizzat f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali, u li tkun miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku, tiġi ttrasferita lil pajjiżi terzi, iżda jkun possibbli biss meta jiġu pprovduti salvagwardji xierqa għall-użu tad-data. Jenħtieġ li tali salvagwardji xierqa jinkludu rekwiżit li l-korp tas-settur pubbliku jittrażmetti data protetta lil utent mill-ġdid fil-każ biss li dak l-utent mill-ġdid jassumi impenji kuntrattwali fl-interess tal-protezzjoni tad-data. Utent mill-ġdid li biħsiebu jittrasferixxi d-data protetta lil pajjiż terz jenħtieġ li jikkonforma mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament anki wara li d-data tkun ġiet trasferita lill-pajjiż terz. Sabiex jiġi żgurat l-infurzar xieraq ta' dawn l-obbligi. L-utent mill-ġdid jenħtieġ li jaċċetta wkoll il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru tal-korp tas-settur pubbliku li ppermetta l-użu mill-ġdid għas-soluzzjoni ġudizzjarja ta' tilwim.

(21) Jenħtieġ li jitqiesu wkoll salvagwardji xierqa biex jiġu implimentati meta, fil-pajjiż terz li fih tkun qed tiġi trasferita d-data mhux personali, jkun hemm miżuri ekwivalenti fis-seħħ li jiżguraw li d-data tibbenefika minn livell ta' protezzjoni l-istess bħal dak applikabbli permezz tal-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tiddikjara, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, meta dan ikun ġustifikat minħabba l-għadd sostanzjali ta' talbiet, fl-Unjoni kollha, dwar l-użu mill-ġdid ta' data mhux personali f'pajjiżi terzi speċifiċi, li pajjiż terz jipprovdi livell ta' protezzjoni li jkun essenzjalment ekwivalenti għal dak previst mil-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa ta' tali atti ta' implimentazzjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri permezz tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data. Tali atti ta' implimentazzjoni jiżguraw lill-korpi tas-settur pubbliku li l-użu mill-ġdid ta' data miżmuma min korpi tas-settur pubbliku fil-pajjiż terz ikkonċernat ma jikkompromettix in-natura protetta ta' dik id-data. Il-valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni mogħti fil-pajjiż terz ikkonċernat jenħtieġ li, b'mod partikolari, tqis il-liġi ġenerali u settorjali rilevanti, inkluż dwar is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurtà nazzjonali u l-liġi kriminali, dwar l-aċċess għal data mhux personali u l-protezzjoni tagħha, kwalunkwe aċċess mill-korpi tas-settur pubbliku ta' dak il-pajjiż terz għad-data trasferita, l-eżistenza u l-funzjonament effettiv ta' awtorità ta' superviżjoni indipendenti waħda jew aktar fil-pajjiż terz bir-responsabbiltà li jiżguraw u jinfurzaw il-konformità mar-reġim legali li jiżgura l-aċċess għal din id-data, l-impenji internazzjonali tal-pajjiż terz rigward il-protezzjoni tad-data, jew obbligi oħra li jirriżultaw minn konvenzjonijiet jew strumenti legalment vinkolanti kif ukoll mill-parteċipazzjoni tiegħu f'sistemi multilaterali jew reġjonali.

L-eżistenza ta' rimedji legali effettivi għad-detenturi tad-data, korpi tas-settur pubbliku jew fornituri ta' servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data fil-pajjiż terz ikkonċernat hija ta' importanza partikolari fil-kuntest tat-trasferiment ta' data mhux personali lil dak il-pajjiż terz. Għalhekk, dawn is-salvagwardji jenħtieġ li jinkludu d-disponibbiltà ta' drittijiet infurzabbli u ta' rimedji legali effettivi. Tali atti ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu legali jew arranġament kuntrattwali li diġà impenja ruħu għalih utent mill-ġdid fl-interess tal-protezzjoni ta' data mhux personali, b'mod partikolari data industrijali, u għad-dritt tal-korpi tas-settur pubbliku li jobbligaw lill-utenti mill-ġdid jikkonformaw mal-kondizzjonijiet għall-użu mill-ġdid, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(22) Xi pajjiżi terzi jadottaw liġijiet, regolamenti u atti legali oħra li għandhom l-għan li jittrasferixxu direttament jew li jipprovdu aċċess governattiv għal data mhux personali fl-Unjoni taħt il-kontroll ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri. Deċiżjonijiet u sentenzi ta' qrati jew tribunali ta' pajjiżi terzi jew deċiżjonijiet ta' awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu tali trasferiment jew aċċess għal data mhux personali jenħtieġ li jkunu infurzabbli fejn huma bbażati fuq ftehim internazzjonali, bħal trattat ta' assistenza legali reċiproka, fis-seħħ bejn il-pajjiż terz li jagħmel it-talba u l-Unjoni jew l-Istat Membru. F'xi każijiet, jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn

l-obbligu tat-trasferiment jew tal-għoti ta' aċċess għal data mhux personali li jirriżulta minn liġi ta' pajjiż terz ikun f'kunflitt ma' obbligu konkorrenti li tali data tiġi protetta skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu jew tal-interessi fundamentali ta' Stat Membru marbuta ma' sigurtà jew difiża nazzjonali, kif ukoll il-protezzjoni ta' data li tkun kummerċjalment sensittiva u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż l-impenji kuntrattwali fir-rigward tal-kunfidenzjalità f'konformità ma' tali liġi. Fin-nuqqas ta' ftehim internazzjonali li jirregola kwistjonijiet bħal dawn, it-trasferiment ta' jew l-aċċess għal data mhux personali jenħtieġ li jkun permess biss jekk, b'mod partikolari jkun ġie vverifikat li s-sistema legali tal-pajjiż terz teħtieġ li jkunu stabbiliti r-raġunijiet u l-proporzjonalità tad-deċiżjoni jew is-sentenza, li d-deċiżjoni jew is-sentenza tkun speċifika fin-natura tagħha, u li l-oġġezzjoni motivata tad-destinatarju tkun soġġetta għal rieżami minn qorti jew tribunal kompetenti tal-pajjiż terz, li jkollu s-setgħa li jqis debitament l-interessi legali rilevanti tal-fornitur ta' tali data.

Barra minn hekk, il-korpi tas-settur pubbliku, persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ngħatalhom id-dritt tal-użu mill-ġdid tad-data, fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data u organizzazzjonijiet rikonoxxuti ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data jenħtieġ li jiżguraw, meta jiffirmaw ftehim kuntrattwali ma' partijiet privati oħra, li d-data mhux personali miżmuma fl-Unjoni tiġi aċċessata jew trasferita biss f'pajjiżi terzi f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti.

(23) Biex titrawwem aktar fiduċja fl-ekonomija tad-data tal-Unjoni, huwa essenzjali li s-salvagwardji fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni, is-settur pubbliku u l-impriżi li jiżguraw li jiġi implimentat il-kontroll fuq id-data strateġika u sensittiva tagħhom u li d-dritt, il-valuri u l-istandards tal-Unjoni jinżammu f'termini ta' sigurtà, protezzjoni tad-data u protezzjoni tal-konsumatur, iżda ma jkunux limitati għalihom. Sabiex jiġi evitat l-aċċess illegali għal data mhux personali, il-korpi tas-settur pubbliku, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li għalihom ingħata d-dritt għall-użu mill-ġdid tad-data, il-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l- organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuti jenħtieġ li jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha biex jipprevjenu l-aċċess għas-sistemi fejn tinħażen data mhux personali, inkluż il-kriptaġġ ta' data jew politiki korporattivi. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-korpi tas-settur pubbliku, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkun ingħatalhom id-dritt tal-użu mill-ġdid tad-data, il-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward ta' data rikonoxxuti josservaw l-istandards tekniċi, il-kodiċijiet ta' kondotta u ċ-ċertifikazzjonijiet kollha rilevanti fil-livell tal-Unjoni.

(24) Sabiex tinbena l-fiduċja fil-mekkaniżmi tal-użu mill-ġdid, jista' jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti kondizzjonijiet aktar stretti għal ċerti tipi ta' data mhux personali li jistgħu jiġu identifikati bħala sensittivi ħafna f'atti leġiżlattivi tal-Unjoni, fir-rigward tat-trasferiment lejn pajjiżi terzi, jekk tali trasferiment jista' jipperikola l-objettivi tal-politika pubblika tal-Unjoni, f'konformità mal-impenji internazzjonali. Pereżempju, fil-qasam tas-saħħa, ċerti settijiet ta' data miżmuma minn atturi fis-sistema tas-saħħa pubblika, bħal sptarijiet pubbliċi, jistgħu jiġu identifikati bħala data sensittiva ħafna dwar is-saħħa. Setturi rilevanti oħra jinkludu t-trasport, l-enerġija, l-ambjent u l-finanzi. Sabiex jiġu żgurati prattiki armonizzati madwar l-Unjoni, tali tipi ta' data pubblika mhux personali sensittiva ħafna jenħtieġ li jiġu definiti mil-liġi tal-Unjoni, pereżempju fil-kuntest tal-ispazju Ewropew tad-data dwar is-saħħa jew liġi settorjali oħra. Dawk il-kundizzjonijiet marbuta mat-trasferiment ta' tali data lil pajjiżi terzi jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'atti delegati. Il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jkunu proporzjonati, mhux diskriminatorji u neċessarji biex jipproteġu l-objettivi leġittimi tal-politika pubblika tal-Unjoni identifikati, bħall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-moralità pubblika, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali. Il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jikkorrispondu mar-riskji identifikati fir-rigward tas-sensittività ta' tali data, inkluż f'termini tar-riskju ta' identifikazzjoni mill-ġdid ta' individwi. Tali kundizzjonijiet jistgħu jinkludu t-termini applikabbli għat-trasferiment jew l-arranġamenti tekniċi, bħar-rekwiżit tal-użu ta' ambjent sigur għall-ipproċessar, limitazzjonijiet fir-rigward tal-użu mill-ġdid ta' data f'pajjiżi terzi jew kategoriji ta' persuni li huma intitolati li jittrasferixxu tali data lil pajjiżi terzi jew li jistgħu jaċċessaw id-data fil-pajjiż terz. F'każijiet eċċezzjonali tali kundizzjonijiet jistgħu jinkludu wkoll restrizzjonijiet għat-trasferiment tad-data lil pajjiżi terzi biex jipproteġu l-interess pubbliku.

(25) Il-korpi tas-settur pubbliku jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu tariffi għall-użu mill-ġdid tad-data iżda jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jippermettu użu mill-ġdid b'tariffa mnaqqsa jew mingħajr ħlas, pereżempju għal ċerti kategoriji ta' użu mill-ġdid bħal użu mill-ġdid mhux kummerċjali jew għanijiet ta' riċerka xjentifika, jew l-użu mill-ġdid minn SMEs u negozji ġodda, is-soċjetà ċivili u stabbilimenti edukattivi, sabiex jipprovdu inċentivi għal dan l-użu mill-ġdid sabiex jinkoraġġixxu ir-riċerka u l-innovazzjoni u jappoġġaw impriżi li huma sors importanti ta' innovazzjoni u tipikament isibuha aktar diffiċli biex jiġbru d-data rilevanti huma stess, f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. F'dak il-kuntest speċifiku, il-finijiet ta' riċerka xjentifika għandhom jinftiehmu li jinkludu kull tip ta' skop relatat mar-riċerka irrispettivament mill-istruttura organizzattiva jew finanzjarja tal-istituzzjoni ta' riċerka

inkwistjoni, bl-eċċezzjoni tar-riċerka li tkun qed titwettaq minn impriża bil-mira li tiżviluppa, ittejjeb jew tottimizza prodotti jew servizzi. Dawn it-tariffi jenħtieġ li jkunu trasparenti, mhux diskriminatorji u limitati għall-kostijiet neċessarji imġarrba u jenħtieġ li ma jirrestrinġux il-kompetizzjoni. Jenħtieġ li tiġi ppubblikata lista ta' kategoriji ta' utenti mill-ġdid li għalihom japplika ħlas skontat jew ebda ħlas, flimkien mal-kriterji użati biex tiġi stabbilita dik il-lista.

(26) Sabiex jiġu pprovduti l-inċentivi għall-użu mill-ġdid ta' kategoriji speċifiċi ta' data li tinżamm minn korpi tas-settur pubbliku, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu punt uniku ta' informazzjoni biex jaġixxi bħala interfaċċja għall-utenti mill-ġdid li jfittxu li jużaw mill-ġdid dik id-data. Jenħtieġ li jkollu mandat transsettorjali, u jenħtieġ li jikkumplimenta, jekk ikun meħtieġ, l-arranġamenti fil-livell settorjali. Il-punt uniku ta' informazzjoni jenħtieġ li jkun jista' juża mezzi awtomatizzati meta jittrażmetti mistoqsijiet jew talbiet għall-użu mill-ġdid. Jenħtieġ li tiġi żgurata sorveljanza umana suffiċjenti fil-proċess ta' trażmissjoni. Għal dak il-għan jistgħu jintużaw arranġamenti prattiċi diġà eżistenti bħall-portali tad-data miftuħa. Il-punt uniku ta' informazzjoni jenħtieġ li jkollu lista ta' assi li jkun fiha ħarsa ġenerali tar-riżorsi kollha ta' data disponibbli, inkluż, fejn rilevanti, dawk is-sorsi ta' data disponibbli f'punti ta' informazzjoni settorjali, reġjonali jew lokali, b'informazzjoni rilevanti li tiddeskrivi d-data disponibbli. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru, jistabbilixxu jew jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' korpi kompetenti biex jappoġġaw l-attivitajiet ta' korpi tas-settur pubbliku li jippermettu l-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' data protetta. Il-kompiti tagħhom jistgħu jinkludu l-għoti ta' aċċess għad-data, meta dan ikun obbligatorju skont il-liġi settorjali nazzjonali jew tal-Unjoni. Dawk il-korpi kompetenti jenħtieġ li jipprovdu assistenza lill-korpi tas-settur pubbliku b'tekniki tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, inkluż dwar kif l-aħjar jistrutturaw u jaħżnu d-data biex jagħmlu d-data faċilment aċċessibbli, b'mod partikolari permezz ta' interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet, kif ukoll jagħmlu d-data interoperabbli, trasferibbli u li tista' titfittex, filwaqt li jqisu l-aħjar prattiki għall-ipproċessar tad-data, kif ukoll kwalunkwe standard regolatorju u tekniku eżistenti u ambjenti siguri tal-ipproċessar tad-data, li jippermettu l-analiżi tad-data b'mod li jippreserva l-privatezza tal-informazzjoni.

Il-korpi kompetenti jenħtieġ li jaġixxu f'konformità mal-istruzzjonijiet riċevuti mill-korp tas-settur pubbliku. Tali struttura ta' assistenza tista' tkun ta' assistenza lis-suġġetti tad-data u d-detenturi tad-data bil-ġestjoni tal-kunsens jew il-permess għall-użu mill-ġdid, inkluż il-kunsens u l-permess għal ċerti oqsma ta' riċerka xjentifika meta jkunu f'konformità ma' standards etiċi rikonoxxuti għar-riċerka xjentifika. Jenħtieġ li l-korpi kompetenti ma jkollhomx funzjoni superviżorja, li hija riżervata għall-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data, l-ipproċessar tad-data jenħtieġ li jitwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-korp tas-settur pubbliku responsabbli għar-reġistru li jkun fih id-data, li jibqa' kontrollur tad-data kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679 sa fejn hija kkonċernata d-data personali. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jkollhom fis-seħħ korp kompetenti wieħed jew aktar, li jistgħu jaġixxu f'setturi differenti. Is-servizzi interni tal-korpi tas-settur pubbliku jistgħu jaġixxu wkoll bħala korpi kompetenti. Korp kompetenti jista' jkun korp tas-settur pubbliku li jassisti korpi oħra tas-settur pubbliku biex jippermettu l-użu mill-ġdid tad-data, fejn rilevanti, jew korp tas-settur pubbliku li jippermetti l-użu mill-ġdid huwa stess. L-assistenza lil korpi oħra tas-settur pubbliku jenħtieġ li jinvolvi li jiġu infurmati, fuq talba, dwar l-aħjar prattiki biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament bħalma huma l-mezzi tekniċi biex isir disponibbli ambjent ta' ppproċessar sigur jew il-mezzi tekniċi biex jiġu żgurati l-privatezza u l-kunfidenzjalità meta jiġi pprovdut aċċess għall-użu mill-ġdid tad-data fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(27) Is-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data huma mistennija li jaqdu rwol ewlieni fl-ekonomija tad-data, b'mod partikolari fl-appoġġ u l-promozzjoni ta' prattiki volontarji ta' kondiviżjoni tad-data bejn l-impriżi jew il-faċilitazzjoni fil kuntest tal-obbligi ta' kondiviżjoni tad-data stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Dawn jistgħu jsiru għodda li tiffaċilita l-iskambju ta' ammonti sostanzjali ta' data rilevanti. Il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data, li jistgħu jinkludu korpi tas-settur pubbliku, li joffru servizzi li jikkollegaw l-atturi differenti għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għall-ġbir flimkien effiċjenti tad-data kif ukoll għall-faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni bilaterali tad-data. Is-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data speċjalizzati li huma indipendenti mis-suġġetti, mid-detenturi tad-data, u l-utenti tad-data jista' jkollhom rwol ta' faċilitazzjoni fil-ħolqien ta' ekosistemi ġodda mmexxija mid-data indipendenti minn kwalunkwe attur b'livell sinifikanti ta' saħħa fis-suq, filwaqt li jippermettu l-aċċess mhux diskriminatorju għall-ekonomija tad-data għall-impriżi ta' kull daqs, b'mod partikolari SMEs u negozji ġodda b'mezzi finanzjarji, legali jew amministrattivi limitati. Dan ser ikun partikularment importanti fil-kuntest tal-ħolqien ta' spazji tad-data komuni Ewropej, jiġifieri oqfsa interoperabbli speċifiċi għall-iskop jew għas-settur jew transsettorjali ta' standards u prattiki komuni biex tiġi kondiviża jew ipproċessata b'mod konġunt data, fost oħrajn, għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda, inizjattivi ta' riċerka xjentifika jew tas-soċjetà ċivili. Is-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data jistgħu jinkludu l-kondiviżjoni bilaterali jew multilaterali ta' data jew il-ħolqien ta' pjattaformi jew bażijiet ta' data li jippermettu l-kondiviżjoni jew l-użu konġunt ta' data, kif ukoll l-istabbiliment ta' infrastruttura speċifika għall-interkonnessjoni tas-suġġetti tad-data, u d-detenturi tad-data, u mal-utenti tad-data.

(28) Dan ir-Regolament għandu jkopri servizzi li għandhom l-għan li jistabbilixxu relazzjonijiet kummerċjali għall-finijiet ta' kondiviżjoni tad-data bejn għadd mhux determinat ta' suġġetti tad-data u detenturi tad-data minn naħa u l-utenti tad-data min-naħa l-oħra, permezz ta' mezzi tekniċi, legali jew oħrajn, inkluż għall-fini tal-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data b'rabta ma' data personali. Meta impriżi jew entitajiet oħra joffru diversi servizzi relatati mad-data, l-attivitajiet li jikkonċernaw direttament il-forniment tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data biss jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament. Il-forniment ta' cloud storage, analitika, software għall-kondiviżjoni tad-data, browsers tal-web, plug-ins tal-browser jew servizzi tal-posta elettronika jenħtieġ li ma jitqisux bħala servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament, dment li dawn is-servizzi jipprovdu biss għodod tekniċi għas-suġġetti tad-data jew għad-detenturi tad-data biex jikkondividu d-data ma' oħrajn, iżda l-forniment ta' tali strumenti la jkollu l-għan li jistabbilixxi relazzjoni kummerċjali bejn id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data, u lanqas ma jippermetti lill-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li jikseb informazzjoni dwar l-istabbiliment ta' relazzjonijiet kummerċjali għall-finijiet tal-kondiviżjoni tad-data. Eżempji ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jinkludu swieq tad-data fejn l-impriżi jistgħu jagħmlu data disponibbli lil oħrajn, orkestraturi ta' ekosistemi ta' kondiviżjoni tad-data li huma miftuħa għall-partijiet interessati kollha, pereżempju fil-kuntest ta' spazji komuni Ewropej tad-data, kif ukoll pools ta' data stabbiliti b'mod konġunt minn diversi persuni ġuridiċi jew fiżiċi bl-intenzjoni li jilliċenzjaw l-użu ta' tali pools ta' data lill-partijiet interessati kollha b'mod li l-parteċipanti kollha li jikkontribwixxu għall-pools ta' data jirċievu premju għall-kontribuzzjoni tagħhom.

Dan jeskludi servizzi li jiksbu data mid-detenturi tad-data u li jaggregaw, jarrikkixxu jew jittrasformaw id-data għall-iskop li jżidulha l-valur b'mod sostanzjali u jilliċenzjaw l-użu tad-data li tirriżulta lill-utenti tad-data, mingħajr ma jistabbilixxu relazzjoni kummerċjali bejn id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data. Dan jeskludi wkoll servizzi li huma esklużivament użati minn detentur tad-data wieħed sabiex jippermettu l-użu tad-data miżmuma minn dak id-detentur tad-data, jew li jintużaw minn diversi persuni ġuridiċi fi grupp magħluq, inkluż relazzjonijiet bejn fornituri jew klijenti jew kollaborazzjonijiet stabbiliti bil-kuntratt, b'mod partikolari dawk li l-objettiv ewlieni tagħhom huwa li jiżguraw il-funzjonalitajiet tal-oġġetti u l-apparat imqabbad mal-Internet tal-Oġġetti.

(29) Servizzi li jiffukaw fuq l-intermedjazzjoni ta' kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur, bħalma huma fornituri ta' servizzi ta' kondiviżjoni tal-kontenut online kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (6), tad-Direttiva (UE) 2019/790 jenħtieġ li ma jkunux koperti minn dan ir-Regolament. Fornituri ta' tape konsolidat kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (35), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([27]) u, fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (19), tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]) jenħtieġ li ma jitqisux bħala fornituri ta' servizzi ta'intermedjazzjoni tad-data għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għal servizzi offruti minn korpi tas-settur pubbliku sabiex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid ta' data protetta miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku skont dan ir-Regolament jew l-użu ta' kwalunkwe data oħra, sakemm dawk is-servizzi ma jkollhomx l-għan li jistabbilixxu relazzjonijiet kummerċjali. Organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data regolati ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jitqisux li joffru servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data, dment li dawk is-servizzi ma jistabbilixxux relazzjoni kummerċjali bejn utenti potenzjali tad-data, minn naħa, u suġġetti tad-data u detenturi tad-data li jagħmlu d-data disponibbli għal finijiet altruwistiċi, min-naħa l-oħra. Servizzi oħra li m'għandhomx l-għan li jistabbilixxu relazzjonijiet kummerċjali, bħalma huma repożitorji li għandhom l-għan li jippermettu l-użu mill-ġdid tad-data tar-riċerka xjentifika skont il-prinċipji ta' aċċess miftuħ, jenħtieġ li ma jitqisux bħala servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

(30) Kategorija speċifika ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data tinkludi fornituri ta' servizzi li joffru s-servizzi tagħhom lis-suġġetti tad-data. Dawn il-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jfittxu li jtejbu l-aġenzija tas-suġġetti tad-data, u b'mod partikolari l-kontroll tal-individwi fuq id-data relatata magħhom. Dawn il-fornituri jassistu lill-individwi fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari fl-għoti u t-tneħħija tal-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data, id-dritt ta' aċċess għad-data tagħhom stess, id-dritt għar-rettifika ta' data personali mhux preċiża, id-dritt ta' tħassir jew id-dritt "li tintnesa", id-dritt li jiġi ristrett id-dritt tal-ipproċessar u tal-portabbiltà tad-data, li jippermetti lis-suġġetti tad-data jittrasferixxu d-data personali tagħhom minn kontrollur tad-data għall-ieħor. F'dan il-kuntest, huwa importanti li l-mudell tan-negozju ta' tali fornituri jiżgura li ma jkun hemm ebda inċentiv allinjat b'mod ħażin li jħeġġeġ lill-individwi biex jużaw dawn is-servizzi biex jagħmlu aktar data marbuta magħhom disponibbli għall-ipproċessar milli jkun fl-interess tagħhom. Dan jista' jinkludi l-għoti ta' pariri lil individwi dwar l-użu possibbli li tad-data tagħhom u li jagħmlu kontrolli ta' diliġenza dovuta fuq l-utenti tad-data qabel ma jkunu permessi jikkuntattjaw lis-suġġetti tad-data, sabiex jiġu evitati prattiki frodulenti. F'ċerti sitwazzjonijiet, jista' jkun mixtieq li d-data attwali tinġabar fi spazju ta' data personali sabiex

([27]) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84)

([28]) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

l-ipproċessar ikun jista' jsir f'dak l-ispazju mingħajr ma d-data personali tiġi trażmessa lil partijiet terzi sabiex jiġu massimizzati l-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza. Tali spazji tad-data personali jista' jkun fihom data personali statika bħall-isem, l-indirizz jew id-data tat-twelid kif ukoll data dinamika li individwu jiġġenera pereżempju. permezz tal-użu ta' servizz online jew oġġett konness mal-Internet tal-Oġġetti. Dawn jistgħu jintużaw ukoll biex tinħażen informazzjoni verifikata dwar l-identità bħan-numri tal-passaport jew informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali, kif ukoll kredenzjali bħal liċenzji tas-sewqan, diplomi jew informazzjoni dwar kontijiet bankarji.

(31) Il-kooperattivi tad-data jippruvaw jiksbu għadd ta' objettivi, b'mod partikolari li jsaħħu l-pożizzjoni tal-individwi biex dawn jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jagħtu kunsens għall-użu tad-data, billi jinfluwenzaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-utenti tad-data marbuta mal-użu tad-data b'mod li jagħti għażliet aħjar lill-membri individwali tal-grupp jew billi potenzjalment isibu soluzzjonijiet għal pożizzjonijiet konfliġġenti tal-membri individwali ta' grupp dwar kif tista' tintuża d-data meta tali data tkun relatata ma' diversi suġġetti tad-data f'dak il-grupp. F'dak il-kuntest huwa importanti li jiġi rikonoxxut li d-drittijiet skont ir-Regolament (UE) 2016/679 huma drittijiet personali tas-suġġett tad-data u li s-suġġetti tad-data ma jistgħux jirrinunzjaw għal tali drittijiet. Il-kooperattivi tad-data jistgħu jipprovdu wkoll mezz utli għall-impriżi ta' persuna waħda u l-SMEs li, f'termini ta' għarfien dwar il-kondiviżjoni tad-data, spiss ikunu komparabbli ma' individwi.

(32) Sabiex tiżdied il-fiduċja f'tali servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data, b'mod partikolari b'rabta mal-użu tad-data u l-konformità mal-kondizzjonijiet imposti mis-suġġetti tad-data u d-detenturi tad-data, huwa meħtieġ li jinħoloq qafas regolatorju fil-livell tal-Unjoni, li jistabbilixxi rekwiżiti armonizzati ħafna relatati mal-forniment affidabbli ta' tali servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data, u li jiġi implimentat mill-awtoritajiet kompetenti. Dak il-qafas ser jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li s-suġġetti tad-data u d-detenturi tad-data, kif ukoll l-utenti tad-data, ikollhom kontroll aħjar fuq l-aċċess għad-data tagħhom u l-użu tagħha, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tista' wkoll tħeġġeġ u tiffaċilita l-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' kondotta fil-livell tal-Unjoni, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari dwar l-interoperabbiltà. Kemm f'sitwazzjonijiet fejn il-kondiviżjoni tad-data sseħħ f'kuntest bejn negozju u ieħor kif ukoll fejn isseħħ f'kuntest bejn negozju u konsumatur, il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li joffru mod ġdid "Ewropew" ta' governanza tad-data, billi jipprovdu separazzjoni fl-ekonomija tad-data bejn il-forniment, l-intermedjazzjoni u l-użu tad-data. Il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jistgħu wkoll jagħmlu disponibbli infrastruttura teknika speċifika għall-interkonnessjoni tas-suġġetti tad-data u tad-detenturi tad-data mal-utenti tad-data. F'dak ir-rigward, huwa ta' importanza partikolari li dik l-infrastruttura titfassal b'tali mod li l-SMEs u n-negozji ġodda ma jiltaqgħu ma' ebda barriera teknika jew barrieri oħra għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-ekonomija tad-data.

Il-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jitħallew joffru għodod u servizzi speċifiċi addizzjonali lid-detenturi tad-data jew lis-suġġetti tad-data għall-iskop speċifiku li jiġi ffaċilitat l-iskambju tad-data, bħal pereżempju l-ħżin temporanju, il-konservazzjoni, il-konverżjoni, l-anonimizzazzjoni u l-psewdonimizzazzjoni. Dawk l-għodod u servizzi jenħtieġ li jintużaw biss fuq it-talba jew l-approvazzjoni espliċita tad-detentur tad-data jew is-suġġett tad-data u jenħtieġ li l-għodod ta' partijiet terzi offruti f'dak il-kuntest ma jużawx id-data għal finijiet oħra. Fl-istess ħin, il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jitħallew jadattaw id-data skambjata, sabiex itejbu l-possibbiltà tal-użu tad-data mill-utent tad-data, meta l-utent tad-data jkun jixtieq dan, jew itejbu l-interoperabbiltà billi per eżempju d-data tiġi kkonvertita f'formati speċifiċi.

(33) Huwa importanti li jkun permess ambjent kompetittiv għall-kondiviżjoni tad-data. Element ewlieni li bih tiżdied il-fiduċja u jinkiseb aktar kontroll għad-detenturi tad-data, is-suġġetti tad-data u l-utenti tad-data fis-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data huwa n-newtralità tal-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data fir-rigward tad-data skambjata bejn id-detenturi tad-data jew is-suġġetti tad-data u l-utenti tad-data. Għalhekk huwa meħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jaġixxu biss bħala intermedjarji fit-tranżazzjonijiet, u ma jużaw id-data skambjata għal ebda skop ieħor. It-termini kummerċjali, inkluż l-ipprezzar għall-forniment tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li ma jsirux dipendenti minn jekk detentur tad-data jew utent tad-data potenzjali jkunx qed juża servizzi oħra, fosthom il-ħżin, l-analitika, l-intelliġenza artifiċjali jew applikazzjonijiet oħra bbażati fuq id-data, ipprovduti mill-istess fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew minn entità relatata, u jekk iva sa liema punt id-detentur tad-data jew l-utent tad-data juża tali servizzi. Dan ser jirrikjedi wkoll separazzjoni strutturali bejn is-servizz tal-intermedjazzjoni tad-data u kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut, sabiex jiġu evitati ta' kunflitt ta' interess. Dan ifisser li s-servizz ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jiġi pprovdut permezz ta' persuna ġuridika li tkun separata mill-attivitajiet l-oħra ta' dak il-fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data. Madanakollu, il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw id-data pprovduta mid-detentur tad-data għat-titjib tas-servizzi tagħhom ta' intermedjazzjoni tad-data.

Il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jkunu jistgħu jpoġġu għad-dispożizzjoni tad-detenturi tad-data, is-suġġetti tad-data jew l-utenti tad-data l-għodod tagħhom stess jew ta' partijiet terzi sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tad-data, pereżempju għodod għall-konverżjoni jew il-konservazzjoni tad-data fuq it-talba jew l-approvazzjoni espliċita tas-suġġett tad-data jew tad-detentur tad-data biss. L-għodod ta' partijiet terzi offruti f'dak il-kuntest jenħtieġ li ma jużawx id-data għal skopijiet oħra għajr dawk relatati ma' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-

data. Il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li jkunu intermedjarji fl-iskambju tad-data bejn individwi bħala suġġetti tad-data u persuni ġuridiċi bħala utenti tad-data jenħtieġ li jkollhom, barra minn hekk, dmir fiduċjarju lejn l-individwi, biex jiżguraw li jaġixxu fl-aħjar interess tas-suġġetti tad-data. Il-kwistjonijiet ta' responsabbiltà għad-danni u d-detrimenti materjali u immaterjali kollha li jirriżultaw minn kwalunkwe mġieba tal-fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jistgħu jiġu indirizzati fil-kuntratt rilevanti, abbażi tar-reġimi nazzjonali ta' responsabbiltà.

(34) Il-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jieħdu miżuri raġonevoli biex jiżguraw l-interoperabbiltà fi ħdan settur u bejn setturi differenti biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Miżuri raġonevoli jistgħu jinkludu l-ħarsien tal-istandards eżistenti u użati b'mod komuni fis-settur fejn joperaw il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data. Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data jenħtieġ li jiffaċilita l-ħolqien ta' standards addizzjonali tal-industrija, fejn ikun meħtieġ. Il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jimplimentaw fi żmien xieraq il-miżuri għall-interoperabbiltà bejn is-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data adottati mill-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data.

(35) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2016/679 u r-responsabbiltà tal-awtoritajiet superviżorji li jiżguraw il-konformità ma' dak ir-Regolament. Meta l-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jipproċessaw data personali, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jaffettwax il-protezzjoni tad-data personali. Fejn il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jkunu kontrolluri jew proċessuri tad-data kif definiti fir-Regolament (UE) 2016/679 huma marbutin bir-regoli ta' dak ir-Regolament.

(36) Il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data huma mistennija li jkollhom proċeduri u miżuri stabbiliti biex jimponu penali għal prattiki frodulenti jew abbużivi fir-rigward tal- partijiet li jfittxu li jiksbu aċċess permezz tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data tagħhom, inkluż permezz ta' miżuri bħall-esklużjoni tal-utenti tad-data li jiksru t-termini tas-servizz jew jiksru l-liġi eżistenti.

(37) Il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jieħdu wkoll miżuri biex jiżguraw il-konformità mal-liġi tal-kompetizzjoni u jkollhom fis-seħħ proċeduri għal dak l-għan. Dan japplika b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn il-kondiviżjoni tad-data tippermetti lill-impriżi jsiru konxji tal-istrateġiji tas-suq tal-kompetituri attwali jew potenzjali tagħhom. Informazzjoni sensittiva b'mod kompetittiv tipikament tinkludi informazzjoni dwar id-data tal-konsumaturi, prezzijiet futuri, kostijiet ta' produzzjoni, kwantitajiet, dħul mill-bejgħ, bejgħ jew kapaċitajiet.

(38) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' notifika għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data sabiex tiġi żgurata li l-governanza tad-data fi ħdan l-Unjoni tkun ibbażata fuq skambju affidabbli ta' data. Il-benefiċċji ta' ambjent affidabbli jistgħu jinkisbu bl-aħjar mod billi jiġu imposti numru ta' rekwiżiti għall-forniment ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data, iżda mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe deċiżjoni espliċita jew att amministrattiv mill-awtorità kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għall-forniment ta' tali servizzi. Il-proċedura ta' notifika jenħtieġ li ma timponix ostakli bla bżonn għall-SMEs, in-negozji ġodda u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jenħtieġ li tikkonforma mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni.

(39) Sabiex jiġi appoġġat il-forniment transfruntier effettiv tas-servizzi, il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jintalab jibgħat notifika biss lill-awtorità kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data mill-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment ewlieni tiegħu jew fejn jinsab ir-rappreżentant legali tiegħu. Tali notifika jenħtieġ li ma tinvolvix aktar minn sempliċi dikjarazzjoni tal-intenzjoni li jiġu pprovduti tali servizzi u għandha timtela biss billi tiġi pprovduta l-informazzjoni msemmija f'dan ir-Regolament. Wara n-notifika rilevanti, il-fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jkun jista' jibda jopera fi kwalunkwe Stat Membru ieħor mingħajr aktar obbligi ta' notifika.

(40) Il-proċedura ta' notifika stabbilita f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għal regoli addizzjonali speċifiċi għall-forniment ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data applikabbli permezz ta' liġi speċifika għas-settur.

(41) L-istabbiliment ewlieni ta' fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data fl-Unjoni jenħtieġ li jkun il-post tal-amministrazzjoni ċentrali tiegħu fl-Unjoni. L-istabbiliment ewlieni ta' fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data fl-Unjoni jenħtieġ li jiġi ddeterminat f'konformità mal-kriterji oġġettivi u jenħtieġ li jimplika l-eżerċizzju effettiv u reali tal-attivitajiet ta' ġestjoni. L-attivitajiet ta' fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jikkonformaw ukoll mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikollu l-istabbiliment ewlieni tiegħu.

(42) Sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data ma' dan ir-Regolament, huma jenħtieġ li jkollhom l-istabbiliment ewlieni tagħhom fl-Unjoni. Fejn fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data mhux stabbilit fl-Unjoni joffri servizzi fl-Unjoni, jenħtieġ li huwa jaħtar rappreżentant legali. Il-ħatra ta' rappreżentant legali f'tali każijiet hija meħtieġa, minħabba li tali fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jittrattaw data personali kif ukoll data kummerċjalment kunfidenzjali, li teħtieġ monitoraġġ mill-qrib tal-konformità tal- fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data ma' dan ir-Regolament. Sabiex jiġi determinat jekk tali fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data ikunx qed joffri servizzi fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġi aċċertat jekk ikunx evidenti li l-fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jkun qed jippjana li joffri servizzi lil persuni fi Stat Membru wieħed jew aktar. Is-sempliċi aċċessibbiltà fl-Unjoni tas-sit web jew ta' indirizz elettroniku u ta' dettalji ta' kuntatt oħra tal-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data, jew l-użu ta' lingwa li ġeneralment tintuża fil-pajjiż terz fejn ikun stabbilit il-fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data, jenħtieġ li jitqiesu bħala insuffiċjenti biex tiġi aċċertata tali intenzjoni. Madankollu, fatturi bħall-użu ta' lingwa jew munita ġeneralment użata fi Stat Membru wieħed jew aktar bil-possibbiltà li jiġu ordnati servizzi b'dik il-lingwa, jew it-tismija ta' utenti li huma fl-Unjoni, jistgħu jagħmluha ċara li l-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data qed jippjana li joffri servizzi fl-Unjoni.

Ir-rappreżentant legali maħtur jenħtieġ li jaġixxi f'isem il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u jenħtieġ li jkun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jindirizzaw lir-rappreżentant legali,minbarra fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew minfloku, inkluż fil-każ ta' ksur, għall-fini li jinbdew proċedimenti ta' infurzar kontra fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li ma jkunx konformi u li ma jkunx stabbilit fl-Unjoni. Ir-rappreżentant legali jenħtieġ li jinħatar b'mandat bil-miktub tal-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data biex jaġixxi f'isem dan tal-aħħar fir-rigward tal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament.

(43) Sabiex is-suġġetti tad-data u d-detenturi tad-data jiġu megħjuna jidentifikaw faċilment il-fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data rikonoxxuti fl-Unjoni, u b'hekk tiżdied il-fiduċja tagħhom fihom, jenħtieġ li jiġi stabbilit logo komuni li jkun jista' jingħaraf madwar l-Unjoni, flimkien mat-tikketta "fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data rikonoxxut fl-Unjoni".

(44) L-awtoritajiet kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data maħtura biex jimmonitorjaw il-konformità tal-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità u l-għarfien espert tagħhom fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-data orizzontali jew settorjali. Jenħtieġ li jkunu indipendenti minn kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data kif ukoll trasparenti u imparzjali fit-twettiq tal-kompiti tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-identità ta'dawk l-awtoritajiet kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data. Is-setgħat u l-kompetenzi tal-awtoritajiet kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data. B'mod partikolari, għal kwalunkwe kwistjoni li teħtieġ valutazzjoni tal-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jenħtieġ li, fejn ikun rilevanti, titlob opinjoni jew deċiżjoni tal-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita skont dak ir-Regolament.

(45) Hemm potenzjal qawwi għal objettivi ta' interess ġenerali fl-użu ta' data magħmula disponibbli volontarjament mis-suġġetti tad-data abbażi tal-kunsens infurmat tagħhom jew, fejn din tikkonċerna data mhux personali, magħmula disponibbli mid-detenturi tad-data. Tali objettivi jinkludu l-kura tas-saħħa, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-titjib tal-mobbiltà, il-faċilitazzjoni tal-iżvilupp. il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika uffiċċjali, it-titjib tal-forniment ta' servizzi pubbliċi, jew it-tfassil tal-politika pubblika. Jenħtieġ li l-appoġġ għar-riċerka xjentifika jitqies ukoll bħala objettiv ta' interess ġenerali. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollu l-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ġabriet ta' data li jkunu mdaqqsa biżżejjed u li jsiru disponibbli abbażi tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data sabiex jippermettu l-analitika tad-data u t-tagħlim awtomatiku, inkluż fl-Unjoni kollha. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jista' jkollhom fis-seħħ arranġamenti organizzattivi jew tekniċi, jew it-tnejn li huma, li jiffaċilitaw l-altruwiżmu fir-rigward tad-data. Tali arranġamenti jistgħu jinkludu d-disponibbiltà ta' għodod li jistgħu jintużaw faċilment għas-suġġetti tad-data jew id-detenturi tad-data biex jagħtu l-kunsens jew il-permess għall-użu altruwistiku tad-data tagħhom, l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, jew skambju strutturat bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar kif il-politika pubblika, bħat-titjib tat-traffiku, is-saħħa pubblika u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, tibbenefika mill-altruwiżmu fir-rigward tad-data. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu linji politiċi nazzjonali għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data. Jenħtieġ li s-suġġetti tad-data jkunu jistgħu jirċievu kumpens relatat biss mal-kostijiet li jġarrbu meta jagħmlu d-data tagħhom disponibbli għal objettivi ta' interess ġenerali.

(46) Ir-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuti fl-Unjoni hija mistennija li twassal għall-istabbiliment ta' repożitorji tad-data. Ir-reġistrazzjoni fi Stat Membru tkun valida fl-Unjoni kollha hija mistennija li tiffaċilita l-użu transfruntier tad-data fi ħdan l-Unjoni u l-ħolqien ta' ġabriet ta' data li jkopru diversi Stati Membri. Id-detenturi tad-data jistgħu jagħtu permess għall-ipproċessar tad-data mhux personali tagħhom għal firxa ta' skopijiet mhux stabbiliti fil-mument tal-għoti tal-permess. Il-konformità ta' tali organizzazzjonijiet tal-

altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuti ma' sett ta' rekwiżiti kif stabbilit f'dan ir-Regolament jenħtieġ li toħloq fiduċja li d-data li ssir disponibbli għal skopijiet altruwisti qed isservi l-objettiv tal-interess ġenerali. Tali fiduċja jenħtieġ li tirriżulta b'mod partikolari minn post ta' stabbiliment jew rappreżentant legali fl-Unjoni, kif ukoll mir-rekwiżit li l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuti jkunu organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, minn rekwiżiti ta' trasparenza u minn salvagwardji speċifiċi fis-seħħ biex jipproteġu d-drittijiet u l-interessi tas-suġġetti u l-intrapriżi tad-data.

Aktar salvagwardji jenħtieġ li jinkludu li jsir possibbli li d-data rilevanti tiġi pproċessata f'ambjent ta' pproċessar sigur imħaddem mill-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuti, mekkaniżmi ta' sorveljanza bħall-kunsilli jew il-bordijiet tal-etika, inkluż rappreżentanti mis-soċjetà ċivili, biex jiġi żgurat li l-kontrollur tad-data jżomm standards għoljin ta' etika xjentifika u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, mezzi tekniċi effettivi u kkomunikati b'mod ċar għall-irtirar jew il-modifika tal-kunsens fi kwalunkwe mument, abbażi tal-obbligi ta' informazzjoni tal-proċessuri tad-data skont ir-Regolament (UE) 2016/679, kif ukoll mezzi biex is-suġġetti tad-data jibqgħu infurmati dwar l-użu tad-data li jkunu għamlu disponibbli. Ir-reġistrazzjoni bħala organizzazzjoni rikonoxxuta ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data m'għandhiex tkun prekundizzjoni għall-eżerċizzju ta' attivitajiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati, tħejji ġabra ta' regoli f'kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-konformità ma' din il-ġabra tar-regoli jenħtieġ li tkun rekwiżit għar-reġistrazzjoni bħala organizzazzjoni rikonoxxuta ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data.

(47) Sabiex is-suġġetti tad-data u d-detenturi tad-data jiġu megħjuna biex jidentifikaw faċilment organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuti, u b'hekk iżidu l-fiduċja tagħhom fihom, jenħtieġ li jiġi stabbilit logo komuni li jista' jingħaraf madwar l-Unjoni. Il-logo komuni jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn kodiċi QR b'ħolqa għar-reġistru pubbliku tal-Unjoni ta' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuti.

(48) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment, l-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' entitajiet li jfittxu li jinvolvu ruħhom fl-altruwiżmu fir-rigward tad-data skont il-liġi nazzjonali u li jibni fuq ir-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali biex joperaw b'mod legali fi Stat Membru bħala organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ.

(49) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment, l-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' entitajiet oħra għajr entitajiet tas-settur pubbliku li jinvolvu ruħhom fil-kondiviżjoni tad-data u l-kontenut abbażi ta' liċenzji miftuħa, u b'hekk jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' riżorsi komuni disponibbli għal kulħadd. Dan jenħtieġ li jinkludi pjattaformi ta' kondiviżjoni tal-għarfien kollaborattivi miftuħa, repożitorji xjentifiċi u akkademiċi b'aċċess miftuħ, pjattaformi tal-iżvilupp ta' software b'sors miftuħ, u pjattaformi ta' aggregazzjoni tal-kontenut b'aċċess miftuħ.

(50) L-organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuti jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġbru data rilevanti direttament minn persuni fiżiċi u ġuridiċi jew jipproċessaw id-data miġbura minn oħrajn. L-ipproċessar tad-data miġbura jista' jsir minn organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data għal finijiet li jistabbilixxu huma stess jew, fejn rilevanti, jistgħu jippermettu l-ipproċessar minn partijiet terzi għal dawk il-finijiet. Fejn organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data jkunu kontrolluri jew proċessuri tad-data kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679, huma jenħtieġ li jkunu konformi ma' dak ir-Regolament. Tipikament, l-altruwiżmu fir-rigward tad-data jiddependi mill-kunsens tas-suġġetti tad-data fi ħdan is-sens tal-Artikolu 6(1), punt (a), u l-Artikolu 9(2), punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679 li jenħtieġ li jkun f'konformità mar-rekwiżiti għal kunsens legali f'konformità mal-Artikoli 7 u 8 ta' dak ir-Regolament. F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, l-iskopijiet ta' riċerka xjentifika jistgħu jiġu appoġġati bil-kunsens għal ċerti oqsma ta' riċerka xjentifika meta f'konformità ma' standards etiċi rikonoxxuti għar-riċerka xjentifika jew għal ċerti oqsma biss ta' riċerka jew partijiet ta' proġetti ta' riċerka. L-Artikolu 5(1), punt (b), tar-Regolament (UE) 2016/679 jispeċifika li l-ipproċessar ulterjuri għal finijiet ta' riċerka xjentifika jew storika jew għal finijiet statistiċi, f'konformità mal-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, jenħtieġ li ma jitqiesx bħala inkompatibbli mal-finijiet inizjali. Għal data mhux personali, il-limitazzjonijiet tal-użu jenħtieġ li jinstabu fil-permess mogħti mid-detentur tad-data.

(51) L-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data maħtura biex jimmonitorjaw il-konformità tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data mar-rekwiżiti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità u l-għarfien espert tagħhom Jenħtieġ li jkunu indipendenti minn kwalunkwe organizzazzjoni ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data kif ukoll trasparenti u imparzjali fit-twettiq tal-kompiti tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-identità ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data. Is-setgħat u l-kompetenzi tal-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data. B'mod partikolari, għal kwalunkwe kwistjoni li teħtieġ valutazzjoni tal-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data jenħtieġ li, fejn ikun rilevanti, titlob opinjoni jew deċiżjoni mill-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita skont dak ir-Regolament.

(52) Sabiex tiġi promossa l-fiduċja u tinkiseb ċertezza legali u faċilità għall-utent addizzjonali għall-għoti u għall-irtirar tal-kunsens, b'mod partikolari fil-kuntest tar-riċerka xjentifika u l-użu statistiku ta' data li tkun disponibbli fuq bażi altruwista, jenħtieġ li tiġi żviluppata u tintuża formola Ewropea għall-kunsens għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data fil-kuntest tal-kondiviżjoni altruwista tad-data. Tali formola jenħtieġ li tikkontribwixxi għal trasparenza addizzjonali għas-suġġetti tad-data li d-data tagħhom ser isir aċċess għaliha u ser tintuża skont il-kunsens tagħhom kif ukoll f'konformità sħiħa mar-regoli tal-protezzjoni tad-data. Il-formola jenħtieġ li tiffaċilita wkoll l-għoti u l-irtirar tal-kunsens u jenħtieġ li tintuża biex jiġi ssimplifikat l-altruwiżmu fir-rigward tad-data mwettaq minn impriżi u jiġi pprovdut mekkaniżmu li jippermetti lil dawn l-impriżi jirtiraw il-permess tagħhom biex tintuża d-data. Sabiex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-setturi individwali, inkluż minn perspettiva tal-protezzjoni tad-data, il-formola Ewropea tal-kunsens għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data jenħtieġ li tuża approċċ modulari li tippermetti l-adattament skont il-ħtiġijiet għal setturi speċifiċi u għal skopijiet differenti.

(53) Sabiex jiġi implimentat b'suċċess il-qafas tal-governanza tad-data, jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data, fil-forma ta' grupp ta' esperti. Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data jenħtieġ li jikkonsisti minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni ta' data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data tal-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant tal-UE għall-SMEs jew rappreżentant maħtur min-network tar-rappreżentanti tal-SMEs, u rappreżentanti oħra tal-korpi rilevanti f'setturi speċifiċi kif ukoll korpi b'għarfien espert speċifiku. Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data jenħtieġ li jikkonsisti minn għadd ta' subgruppi, inkluż subgrupp għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati magħmul minn rappreżentanti rilevanti mid-dinja tal-industrija bħas-saħħa, l-ambjent, l-agrikoltura, it-trasport, l-enerġija, il-manifattura industrijali, il-media, is-setturi kulturali u kreattivi, u l-istatistika, kif ukoll ir-riċerka, id-dinja akkademika, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni, spazji komuni Ewropej tad-data rilevanti u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra u partijiet terzi, inter alia korpi b'għarfien espert speċifiku bħall-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika.

(54) Il-Bord Ewropew għall-innovazzjoni jenħtieġ li jassisti lill-Kummissjoni fil-koordinazzjoni tal-prattiki u l-politiki nazzjonali dwar is-suġġetti koperti minn dan ir-Regolament, u fl-appoġġ tal-użu tad-data transsettorjali permezz tal-adeżjoni mal-prinċipji tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà u permezz tal-użu ta' standards u speċifikazzjonijiet Ewropej u internazzjonali (inkluż permezz tal-Pjattaforma tal-UE ta' bosta Partijiet Ikkonċernati dwar l-Istandardizzazzjoni tal-ICT, il-Vokabularji Ewlenin u l-Elementi Kostitwenti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa), u jenħtieġ li jqis il-ħidma ta' standardizzazzjoni li qed issehh f'setturi jew oqsma speċifiċi. Il-ħidma fuq l-istandardizzazzjoni teknika tista' tinkludi l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet għall-iżvilupp ta' standards u l-istabbiliment u ż-żamma ta' sett ta' standards tekniċi u legali għat-trażmissjoni tad-data bejn żewġ ambjenti ta' pproċessar li jippermettu li l-ispazji tad-data jiġu organizzati, b'mod partikolari il-kjarifika u d-distinzjoni ta' liema standards u prattiki huma transsettorjali u liema huma settorjali. Il-Bord Ewropew għall-innovazzjoni tad-Data jenħtieġ li jikkoopera mal-korpi settorjali, man-networks jew mal-gruppi ta' esperti, jew ma' organizzazzjonijiet transsettorjali oħra li jittrattaw l-użu mill-ġdid tad-data. Fir-rigward tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, il-Bord Ewropew għall-innovazzjoni tad-Data jenħtieġ li jassisti lill-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-formola ta' kunsens għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data, wara li jikkonsulta l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Billi jipproponi linji gwida dwar spazji tad-data komuni Ewropej, il-Bord Ewropew għall-innovazzjoni tad-Data jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' ekonomija tad-data Ewropea li tiffunzjona abbażi ta' dawk l-ispazji tad-data, kif stabbilit fl-istrateġija Ewropea għad-data.

(55) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Diskrepanzi kbar bejn ir-regoli dwar il-pieni jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq uniku diġitali. L-armonizzazzjoni ta' tali regoli tista' tkun ta' benefiċċju f'dak ir-rigward.

(56) Sabiex ikun previst infurzar effiċjenti ta' dan ir-Regolament u biex jiġi żgurat li l-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-entitajiet li jixtiequ jirreġistraw bħala organizzazzjonijiet rikonoxxuti ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data jkunu jistgħu jaċċessaw u jlestu l-proċeduri ta' notifika u reġistrazzjoni kompletament online u b'mod transfruntier, jenħtieġ li tali proċeduri jiġu offruti permezz tal-gateway diġitali unika stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]). Dawk il-proċeduri jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' proċeduri inklużi fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/1724.

(57) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1724 jiġi emendat skont dan.

([29]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

(58) Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dan ir-Regolament, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi kondizzjonijiet speċjali applikabbli għal trasferimenti lejn pajjiżi terzi ta' ċerti kategoriji ta' data mhux personali meqjusa bħala sensittivi ħafna f'atti leġislattivi speċifiċi tal-Unjoni u billi tistabbilixxi ġabra ta' regoli għal organizzazzjonijiet rikonoxxuti ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data, li dawk l-organizzazzjonijiet ikollhom jikkonformaw magħha, li tipprevedi rekwiżiti ta' informazzjoni, tekniċi u ta' sigurtà, kif ukoll pjanijiet direzzjonali ta' komunikazzjoni u standards ta' interoperabbiltà,. Huwa partikularment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([30]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(59) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tassisti lill-korpi tas-settur pubbliku u lill-utenti mill-ġdid fil-konformità tagħhom mal-kondizzjonijiet għall-użu mill-ġdid stabbiliti f'dan ir-Regolament billi tistabbilixxi mudelli ta' klawżoli kuntrattwali għat-trasferiment ta' data mhux personali lejn pajjiż terz mill-utenti mill-ġdid, biex tiddikjara li l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' pajjiż terz huma ekwivalenti għall-protezzjoni żgurata taħt il-liġi tal-Unjoni tiżviluppa d-disinn tal-logo komuni għal fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-logo komuni għall-organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuti, u tistabbilixxi u tiżviluppa l-formola Ewropea ta' kunsens dwar l-altruwiżmu. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([31]).

(60) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni, u b'mod partikolari l-Artikoli 101 u 102 TFUE. Jenħtieġ li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ma jintużawx biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni b'mod li jmur kontra t-TFUE. Dan jikkonċerna b'mod partikolari r-regoli dwar l-iskambju ta' informazzjoni kompetittivament sensittiva bejn kompetituri reali jew potenzjali permezz ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data.

(61) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725u taw l-opinjoni tagħhom fl-10 ta' Marzu 2021.

(62) Dan ir-Regolament juża bħala prinċipji gwida tiegħu r-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż id-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà li wieħed imexxi negozju, id-dritt għall-proprjetà u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità. Fil-kuntest ta' dan tal-aħħar, jenħtieġ li l-korpi u s-servizzi tas-servizz pubbliku skont dan ir-Regolament, fejn rilevanti, jikkonformaw mad-Direttivi UE) 2016/2102 ([32]) u (UE) 2019/882 ([33]) (tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitqies id-Disinn għal Kulħadd fil-kuntest tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, li huwa l-isforz konxju u sistematiku biex jiġu applikati b'mod proattiv il-prinċipji, il-metodi u l-għodod għall-promozzjoni tad-disinn universali f'teknoloġiji relatati mal-kompjuter, inkluż teknoloġiji bbażati fuq l-internet, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għal adattamenti a posteriori, jew disinn speċjalizzat.

(63) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-użu mill-ġdid, fi ħdan l-Unjoni, ta' ċerti kategoriji ta' data miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku kif ukoll l-istabbiliment ta' qafas ta' notifika u superviżjoni għall-forniment ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data, qafas għar-reġistrazzjoni volontarja ta' entitajiet li jagħmlu d-data disponibbli għal finijiet altruwisti u qafas għat-twaqqif ta' Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi,

([30]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([31]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([32]) Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1).

([33]) Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*KAPITOLU I*

***Dispożizzjonijiet Ġenerali***

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

(a) il-kondizzjonijiet għall-użu mill-ġdid, fl-Unjoni, ta' ċerti kategoriji ta' data miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku;

(b) qafas ta' notifika u superviżjoni għall-forniment ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data;

(c) qafas għar-reġistrazzjoni volontarja ta' entitajiet li jiġbru u jipproċessaw id-data magħmula disponibbli għal finijiet altruwisti; u

(d) qafas għat-twaqqif ta' Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data.

2. Dan ir-Regolament ma joħloq ebda obbligu fuq il-korpi tas-settur pubbliku li jippermettu l-użu mill-ġdid tad-data, u lanqas ma jeħles lill-korpi tas-settur pubbliku mill-obbligi tagħhom ta' kunfidenzjalità skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal:

(a) dispożizzjonijiet speċifiċi fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar l-aċċess għal jew l-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' data, b'mod partikolari fir-rigward tal-għoti ta' aċċess għal dokumenti uffiċjali u d-divulgazzjoni tagħhom; u

(b) l-obbligi tal-korpi tas-settur pubbliku skont il-liġi tal-Unjoni jew liġi nazzjonali li tippermetti l-użu mill-ġdid tad-data jew għar-rekwiżiti relatati mal-ipproċessar ta' data mhux personali.

Fejn liġi tal-Unjoni jew liġi nazzjonali speċifika għas-settur tirrikjedi li korpi tas-settur pubbliku, fornituri ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuti jikkonformaw ma' rekwiżiti tekniċi, amministrattivi jew organizzattivi addizzjonali speċifiċi, inkluż permezz ta' reġim ta' awtorizzazzjoni jew ċertifikazzjoni, għandhom japplikaw ukoll dawk id-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi tal-Unjoni jew liġi nazzjonali speċifika għas-settur. Kwalunkwe rekwiżit addizzjonali speċifiku bħal dan għandu jkun nondiskriminatorju, proporzjonat u ġustifikat b'mod oġġettiv.

3. Il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali għandhom japplikaw għal kwalunkwe data personali pproċessata b'rabta ma' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679, (UE) 2018/1725 u d-Direttivi 2002/58/KE u (UE) 2016/680, inkluż fir-rigward tas-setgħat u l-kompetenzi tal-awtoritajiet superviżorji. Fil-każ ta' kunflitt bejn dan ir-Regolament u l-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali jew liġi nazzjonali adottata f'konformità ma' tali liġi tal-Unjoni, għandha tipprevali l-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali rilevanti. Dan ir-Regolament ma joħloqx bażi legali għall-ipproċessar ta' data personali u ma jbiddel l-ebda dritt u obbligu stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 jew (UE) 2018/1725 jew fid-Direttivi 2002/58/KE jew (UE) 2016/680.

4. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi dwar il-kompetizzjoni.

5. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża u s-sigurtà nazzjonali.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "data" tfisser kwalunkwe rappreżentazzjoni diġitali ta' atti, fatti jew informazzjoni u kwalunkwe kompilazzjoni ta' tali atti, fatti jew informazzjoni, inkluż fil-forma ta' reġistrazzjoni awdjo, viżiva jew awdjoviżiva;

(2) "użu mill-ġdid" tfisser l-użu minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' data miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku, għal skopijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali minbarra l-iskop inizjali fi ħdan il-kompitu pubbliku li għalih tkun ġiet prodotta d-data; ħlief għall-iskambju ta' data bejn korpi tas-settur pubbliku purament fit-twettiq tal-kompiti pubbliċi tagħhom;

(3) "data personali" tfisser data personali kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2016/679;

(4) "data mhux personali" tfisser data li mhijiex data personali;

(5) "kunsens" tfisser kunsens kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (11), tar-Regolament (UE) 2016/679;

(6) "permess" tfisser li l-utenti tad-data jingħataw id-dritt għall-ipproċessar ta' data mhux personali;

(7) "suġġett tad-data" tfisser suġġett tad-data kif imsemmi fl-Artikolu 4, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2016/679;

(8) "detentur tad-data" tfisser persuna ġuridika, inklużi korpi tas-settur pubbliku u organizzazzjonijiet internazzjonali, jew persuna fiżika li mhijiex suġġett tad-data fir-rigward tad-data speċifika inkwistjoni, li, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli, għandha d-dritt li tagħti aċċess għal jew tikkondividi ċerta data personali jew data mhux personali;

(9) "utent tad-data" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li jkollha aċċess legali għal ċerta data personali jew mhux personali u jkollha d-dritt, inkluż fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2016/679 fil-każ ta' data personali, li tuża dik id-data għal skopijiet kummerċjali jew mhux kummerċjali;

(10) "kondiviżjoni tad-data" tfisser il-forniment ta' data minn suġġett jew detentur tad-data lil utent tad-data għall-iskop ta' użu konġunt jew individwali ta' tali data, abbażi ta' ftehimiet volontarji jew tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, direttament jew permezz ta' intermedjarju, pereżempju skont liċenzji miftuħa jew kummerċjali soġġetti għal tariffa jew mingħajr ħlas;

(11) "servizz ta' intermedjazzjoni tad-data" tfisser servizz, li għandu l-għan li jistabbilixxi relazzjonijiet kummerċjali għall-finijiet ta' kondiviżjoni tad-data bejn għadd mhux determinat ta' suġġetti tad-data u detenturi tad-data minn naħa, u utenti tad-data min-naħa l-oħra, permezz ta' mezzi tekniċi, legali jew oħrajn, inkluż għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data fir-rigward ta' data personali, bl-eżklużjoni ta' mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) servizzi li jiksbu data mid-detenturi tad-data u jaggregaw, jarrikkixxu jew jittrasformaw id-data għall-iskop li jżidu valur sostanzjali magħha u jilliċenzjaw l-użu tad-data li tirriżulta lill-utenti tad-data, mingħajr ma jistabbilixxu relazzjoni kummerċjali bejn id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data;

(b) servizzi li jagħmlu enfasi fuq l-intermedjazzjoni ta' kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur;

(c) servizzi li huma esklużivament użati minn detentur tad-data wieħed sabiex jippermettu l-użu tad-data miżmuma minn dak id-detentur tad-data, jew li jintużaw minn diversi persuni ġuridiċi fi grupp magħluq, inkluż relazzjonijiet bejn fornituri jew klijenti jew kollaborazzjonijiet stabbiliti b'kuntratt, b'mod partikolari dawk li l-objettiv ewlieni tagħhom huwa li jiżguraw il-funzjonalitajiet tal-oġġetti u l-apparat imqabbad mal-Internet tal-Oġġetti;

(d) servizzi ta' kondiviżjoni tad-data offruti minn korpi tas-settur pubbliku s li ma jkollhomx l-għan li jistabbilixxu relazzjonijiet kummerċjali;

(12) "ipproċessar" tfisser ipproċessar kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tad-data personali jew l-Artikolu 3, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2018/1807 fir-rigward tad-data mhux personali;

(13) "aċċess" tfisser użu tad-data, f'konformità ma' rekwiżiti tekniċi, legali jew organizzattivi speċifiċi, mingħajr ma neċessarjament jimplika t-trażmissjoni jew it-tniżżil ta' data;

(14) "stabbiliment ewlieni" ta' persuna ġuridika tfisser il-post tal-amministrazzjoni ċentrali tagħha fl-Unjoni;

(15) "servizzi ta' kooperattivi tad-data" tfisser servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data offruti minn struttura organizzattiva kostitwita minn suġġetti tad-data, impriżi b'persuna waħda jew SMEs li jkunu membri ta' dik l-istruttura, li jkollha bħala l-objettivi ewlenin tagħha li tappoġġa lill-membri tagħha fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' ċerta data, inkluż fir-rigward tad-dritt li jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jagħtu l-kunsens għall-ipproċessar tad-data u li jkollhom skambju ta' fehmiet dwar finijiet u kondizzjonijiet tal-ipproċessar tad-data li jirrappreżentaw bl-aħjar mod l-interessi tal-membri tagħha b'rabta mad-data tagħhom, u li tinnegozja t-termini u l-kondizzjonijiet għall-ipproċessar tad-data f'isem il-membri tagħha qabel ma jagħtu l-permess għall-ipproċessar tad-data mhux personali jew qabel ma jagħtu l-kunsens għall-ipproċessar tad-data personali;

(16) "altruwiżmu fir-rigward tad-data" tfisser il-kondiviżjoni volontarja tad-data abbażi tal-kunsens mogħti mis-suġġetti tad-data għall-ipproċessar tad-data personali li tappartjeni għalihom, jew permessi ta' detenturi tad-data biex jippermettu l-użu tad-data mhux personali tagħhom mingħajr ma jfittxu jew jirċievu premju li jmur lil hinn minn kumpens relatat mal-ispejjeż li jġarrbu meta jagħmlu d-data tagħhom disponibbli għal objettivi ta' interess ġenerali kif previst fil-liġi nazzjonali, fejn applikabbli, bħall-kura tas-saħħa, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-titjib tal-mobbiltà, l-iffaċilitar tal-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika uffiċjali, it-titjib tal-forniment tas-servizzi pubbliċi, it-tfassil tal-politika pubblika jew finijiet ta' riċerka xjentifika fl-interess ġenerali;

(17) "korp tas-settur pubbliku" tfisser l-awtoritajiet tal-Istat, reġjonali jew lokali, il-korpi regolati mil-liġi pubblika jew l-assoċjazzjonijiet iffurmati minn tali awtorità waħda jew aktar jew tali korp wieħed jew aktar irregolati mil-liġi pubblika;

(18) "korpi regolati mil-liġi pubblika" tfisser korpi li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:

(a) ikunu stabbiliti għall-iskop speċifiku li jissodisfaw il-ħtiġijiet fl-interess ġenerali, u ma jkollhomx karattru industrijali jew kummerċjali;

(b) ikollhom personalità ġuridika;

(c) ikunu ffinanzjati, fil-parti l-kbira, mill-Istat, mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħrajn regolati mil-liġi pubblika; ikunu soġġetti għal superviżjoni maniġerjali minn dawk l-awtoritajiet jew korpi, jew ikollhom bord amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tiegħu jinħatru mill-Istat, mill-awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra regolati mil-liġi pubblika;

(19) "impriża pubblika" tfisser kwalunkwe impriża li fuqha l-korpi tas-settur pubbliku jistgħu jeżerċitaw influwenza dominanti direttament jew indirettament permezz tas-sjieda li għandhom tagħha, il-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolawha; għall-iskop ta' din id-definizzjoni, influwenza dominanti min-naħa tal-korpi tas-settur pubbliku għandha tkun preżunta fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin li fihom dawk il-korpi, direttament jew indirettament:

(a) ikollhom il-maġġoranza tal-kapital sottoskritt tal-impriża;

(b) jikkontrollaw il-maġġoranza tal-voti marbuta ma' ishma maħruġa mill-impriża;

(c) jistgħu jaħtru aktar minn nofs il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża;

(20) "ambjent tal-ipproċessar sigur" tfisser l-ambjent fiżiku jew virtwali u l-mezzi organizzattivi biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi tal-Unjoni bħar-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u l-kunfidenzjalità, l-integrità u l-aċċessibbiltà kummerċjali u tal-istatistika, kif ukoll mal-liġi applikabbli nazzjonali, u li jippermettu lill-entità li tipprovdi l-ambjent tal-ipproċessar sigur tiddetermina u tissorvelja l-azzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-data, inkluż il-wiri, il-ħżin, it-tniżżil, u l-esportazzjoni ta' data u l-kalkolu ta' data derivattiva permezz ta' algoritmi komputazzjonali;

(21) "rappreżentant legali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni maħtura b'mod espliċitu biex taġixxi f'isem fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew entità li tiġbor id-data għal objettivi ta' interess ġenerali magħmula disponibbli minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi abbażi tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data mhux stabbilita fl-Unjoni, li tista' tiġi indirizzata mill-awtoritajiet kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data minbarra jew minflok il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew entità fir-rigward tal-obbligi skont dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tat-tnedija ta' proċedimenti ta' infurzar kontra fornitur jew entità ta' servizzi ta' intermedjazzjoni ta' data li ma jkunx konformi mhux stabbiliti fl-Unjoni.

*KAPITOLU II*

***L-użu mill-ġdid ta' ċerti kategoriji ta' data protetta miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku***

*Artikolu 3*

**Kategoriji ta' data**

1. Dan il-Kapitolu japplika għad-data miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku li huma protetti fuq il-bażi ta':

(a) kunfidenzjalità kummerċjali, inkluż sigrieti kummerċjali, professjonali u tal-kumpanniji;

(b) kunfidenzjalità tal-istatistika;

(c) il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' partijiet terzi; jew

(d) il-protezzjoni ta' data personali, sakemm tali data taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1024.

2. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) data miżmuma minn impriżi pubbliċi;

(b) data miżmuma mix-xandara tas-servizz pubbliku u mis-sussidjarji tagħhom, u minn korpi oħra jew is-sussidjarji tagħhom għat-twettiq tal-mandat tax-xandir tas-servizz pubbliku;

(c) data miżmuma mill-istabbilimenti kulturali u l-istabbilimenti edukattivi;

(d) data miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku li hija protetta għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, difiża jew sigurtà nazzjonali; jew

(e) data li l-provvista tagħha hija attività li taqa' barra mill-ambitu tal-kompitu pubbliku tal-korpi tas-settur pubbliku kkonċernati kif definit mil-liġi jew minn regoli vinkolanti oħra fl-Istat Membru kkonċernat, jew, fin-nuqqas ta' regoli bħal dawn, kif definita f'konformità mal-prattika amministrattiva komuni f'dak l-Istat Membru, sakemm l-ambitu tal-kompiti pubbliċi jkun trasparenti u soġġett għal rieżami.

3. Dan il-Kapitolu huwa mingħajr preġudizzju għal:

(a) il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali u ftehimiet internazzjonali li tagħhom l-Unjoni jew l-Istati Membri huma parti dwar il-protezzjoni ta' kategoriji ta' data msemmija fil-paragrafu 1; u

(b) il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti.

*Artikolu 4*

**Projbizzjoni ta' arranġamenti esklużivi**

1. Ftehimiet jew prattiki oħra li għandhom x'jaqsmu mal-użu mill-ġdid ta' data miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku li fihom kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 3(1) li jagħtu drittijiet esklużivi jew li għandhom bħala l-objettiv jew l-effett tagħhom li jagħtu tali drittijiet esklużivi jew li jirrestrinġu d-disponibbiltà tad-data għal dan l-użu mill-ġdid minn entitajiet għajr il-partijiet f'tali ftehimiet jew prattiki oħra għandhom ikunu pprojbiti.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, dritt esklużiv għall-użu mill-ġdid tad-data msemmija f'dak il-paragrafu jista' jingħata sal-punt meħtieġ għall-forniment ta' servizz jew il-provvista ta' prodott fl-interess ġenerali li altrimenti ma tkunx possibbli.

3. Dritt esklussiv kif imsemmi fl-paragrafu 2 għandu jingħata permezz ta' att amministrattiv jew arranġament kuntrattwali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli u f'konformità mal-prinċipji ta' trasparenza, trattament ugwali u nondiskriminazzjoni.

4. It-tul ta' żmien tad-dritt ta' esklużività għall-użu mill-ġdid tad-data ma għandux jaqbeż it-tnax-il xahar. Meta jiġi konkluż kuntratt, it-tul ta' żmien tal-kuntratt għandu jkun l-istess bħat-tul ta' żmien tad-dritt ta' esklużività.

5. L-għoti ta' dritt esklużiv skont il-paragrafi (2), (3) u (4), inkluż ir-raġunijiet għaliex huwa meħtieġ li jingħata tali dritt, għandu jkun trasparenti u jsir pubblikament disponibbli online, f'forma li tkun konformi mal-liġi rilevanti tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku.

6. Ftehimiet jew prattiki oħra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3, u li ġew konklużi qabel it-23 ta' Ġunju 2022 għandhom jintemmu fi tmiem il-kuntratt applikabbli u fi kwalunkwe każ sal-24 ta' Diċembru 2024.

*Artikolu 5*

**Kondizzjonijiet għall-użu mill-ġdid**

1. Il-korpi tas-settur pubbliku li huma kompetenti skont il-liġi nazzjonali biex jagħtu jew jirrifjutaw aċċess għall-użu mill-ġdid ta' waħda jew aktar mill-kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 3(1) għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-kondizzjonijiet biex jippermettu użu mill-ġdid bħal dan u l-proċedura biex jintalab l-użu mill-ġdid permezz tal-punt uniku ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 8. Fejn jagħtu jew jirrifjutaw aċċess għall-użu mill-ġdid, huma jistgħu jiġu assistiti mill-korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 7(1).

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi tas-settur pubbliku jkunu mgħammra bir-riżorsi neċessarji biex jikkonformaw ma' dan l-Artikolu.

2. Il-kondizzjonijiet għall-użu mill-ġdid għandhom ikunu nondiskriminatorji, trasparenti, proporzjonati u oġġettivament ġustifikati fir-rigward tal-kategoriji tad-data u l-finijiet tal-użu mill-ġdid u n-natura tad-data li għaliha huwa permess l-użu mill-ġdid. Dawk il-kondizzjonijiet ma għandhomx jintużaw biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

3. Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali, jiżguraw li n-natura protetta tad-data tiġi ppreservata. Huma jistgħu jipprevedu r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) li jingħata aċċess għall-użu mill-ġdid ta' data biss fejn il-korp tas-settur pubbliku jew il-korp kompetenti, wara talba għall-użu mill-ġdid, ikun żgura li d-data tkun ġiet:

   (i) anonimizzata, fil-każ ta' data personali; u

   (ii) modifikata, aggregata jew ittrattata bi kwalunkwe metodu ieħor ta' kontroll dwar divulgazzjoni, fil-każ ta' informazzjoni kummerċjalment kunfidenzjali, inkluż sigrieti kummerċjali jew kontenut protett bid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(b) li d-data jsir aċċess għaliha u tintuża mill-ġdid b'mod remot f'ambjent ta' pproċessar sigur li jkun ipprovdut jew ikkontrollat mill-korp tas-settur pubbliku;

(c) li d-data jsir aċċess għaliha u tintuża mill-ġdid fil-bini fiżiku fejn jinsab l-ambjent ta' pproċessar sigur f'konformità ma' standards għoljin ta' sigurtà, sakemm l-aċċess mill-bogħod ma jkunx jista' jiġi permess mingħajr ma jipperikola d-drittijiet u l-interessi ta' partijiet terzi.

4. Fil-każ tal-użu mill-ġdid permess f'konformità mal-paragrafu 3, il-punti (b) u (c), il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jimponu kondizzjonijiet li jippreservaw l-integrità tal-funzjonament tas-sistemi tekniċi tal-ambjent tal-ipproċessar sigur użat. Il-korp tas-settur pubbliku għandu jirriżerva d-dritt li jivverifika l-proċess, il-mezzi u kwalunkwe riżultat tal-ipproċessar tad-data mwettaq mill-utent mill-ġdid biex jippreserva l-integrità tal-protezzjoni tad-data, u jirriżerva d-dritt li jipprojbixxi l-użu ta' riżultati li jkun fihom informazzjoni li tipperikola d-drittijiet u l-interessi ta' partijiet terzi. Id-deċiżjoni li jiġi pprojbit l-użu mill-ġdid tar-riżultati għandha tkun komprensibbli u trasparenti għall-utent mill-ġdid.

5. Sakemm il-liġi nazzjonali ma tipprevedix salvagwardji speċifiċi dwar l-obbligi ta' kunfidenzjalità applikabbli relatati mal-użu mill-ġdid tad-data imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-korp tas-settur pubbliku għandu jagħmel l-użu tad-data pprovduta f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu kondizzjonali fuq li l-utent mill-ġdid josserva obbligu ta' kunfidenzjalità li jipprojbixxi d-divulgazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li tipperikola d-drittijiet u l-interessi ta' partijiet terzi li l-utent mill-ġdid seta' kiseb minkejja s-salvagwardji stabbiliti. L-utenti mill-ġdid għandhom ikunu pprojbiti milli jidentifikaw mill-ġdid kwalunkwe suġġett tad-data li miegħu tkun relatata d-data u għandhom jieħdu miżuri tekniċi u operazzjonali biex jipprevjenu l-identifikazzjoni mill-ġdid u jinnotifikaw kwalunkwe ksur ta' data li jirriżulta fl-identifikazzjoni mill-ġdid tas-suġġetti tad-data kkonċernati lill-korp tas-settur pubbliku. F'każ li jsir użu mill-ġdid mhux awtorizzat ta' data mhux personali, l-utent mill-ġdid għandu mingħajr dewmien, fejn xieraq bl-assistenza tal-korp tas-settur pubbliku, jinforma lill-persuni ġuridiċi li d-drittijiet u l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati.

6. Meta l-użu mill-ġdid tad-data ma jkunx jista’ jiġi awtorizzat f’konformità mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 ta’ dan l-Artikolu u ma jkun hemm ebda bażi legali oħra għat-trażmissjoni tad-data skont ir-Regolament (UE) 2016/679, il-korp tas-settur pubbliku għandu jagħmel l-aħjar sforzi, f’konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, biex jipprovdi assistenza lill-utenti mill-ġdid potenzjali fit-tiftix tal-kunsens tas-suġġetti tad-data jew il-permess mid-detenturi tad-data li d-drittijiet u l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati minn tali użu mill-ġdid, fejn dan ikun fattibbli mingħajr piż sproporzjonat fuq il-korp tas-settur pubbliku. Meta jwettaq dak il-kompitu, il-korp tas-settur pubbliku jista’ jiġi assistit mill-korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 7(1).

7. L-użu mill-ġdid tad-data għandu jkun permess biss f’konformità mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Id-dritt ta’ min jagħmel bażi tad-data kif previst fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 96/9/KE ma għandux ikun eżerċitat minn korpi tas-settur pubbliku sabiex jiġi impedut l-użu mill-ġdid tad-data jew jiġi ristrett l-użu mill-ġdid lil hinn mil-limiti stabbiliti b’dan ir-Regolament.

8. Meta d-data mitluba titqies li hija kunfidenzjali, f’konformità mal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali jew tal-istatistika, il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jiżguraw li d-data kunfidenzjali ma tiġix divulgata b’riżultat tal-permess ta’ tali użu mill-ġdid, sakemm tali użu mill-ġdid ma jkunx permess f’konformità mal-paragrafu 6.

9. Meta utent mill-ġdid ikollu l-intenzjoni li jittrasferixxi data mhux personali protetta għar-raġunijiet stipulati fl-Artikolu 3(1) lil pajjiż terz, huwa għandu jinforma lill-korp tas-settur pubbliku dwar l-intenzjoni tiegħu li jittrasferixxi tali data u l-għan ta’ tali trasferiment fil-mument tat-talba għall-użu mill-ġdid ta’ tali data. Fil-każ ta’ użu mill-ġdid f’konformità mal-paragrafu 6 ta’ dan l-Artikolu, l-utent mill-ġdid għandu, fejn xieraq bl-assistenza tal-korp tas-settur pubbliku, jinforma lill-persuna ġuridika li d-drittijiet u l-interessi tagħha jistgħu jiġu affettwati b’dik l-intenzjoni, l-għan u s-salvagwardji xierqa. Il-korp tas-settur pubbliku ma għandux jippermetti l-użu mill-ġdid sakemm il-persuna ġuridika ma tagħtix permess għat-trasferiment.

10. Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jittrażmettu data kunfidenzjali mhux personali jew data protetta bid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali lil utent mill-ġdid li jkollu l-ħsieb li jittrasferixxi dik id-data lil pajjiż terz li mhux pajjiż deżinjat f’konformità mal-paragrafu 12 fil-każ biss li l-utent mill-ġdid jimpenja ruħu b’kuntratt li:

(a) jikkonforma mal-obbligi imposti f’konformità mal-paragrafi 7 u 8 anki wara li d-data tiġi trasferita lill-pajjiż terz; u

(b) jaċċetta l-ġuriżdizzjoni tal-qrati jew it-tribunali tal-Istat Membru tal-korp tas-settur pubbliku li jittrażmetti fir-rigward ta’ kwalunkwe tilwima relatata mal-konformità mal-paragrafi 7 u 8.

11. Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom, fejn ikun rilevanti u sa fejn jaslu l-kapaċitajiet tagħhom, jipprovdu gwida u assistenza lill-utenti mill-ġdid biex jikkonformaw mal-obbligi msemmija fil-paragrafu 10 ta’ dan l-Artikolu.

Sabiex tassisti lill-korpi tas-settur pubbliku u l-utenti mill-ġdid, il-Kummissjoni tista’ tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu mudelli ta’ klawżoli kuntrattwali għall-konformità mal-obbligi msemmija fil-paragrafu 10 ta’ dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 33(3).

12. Fejn ikun ġustifikat minħabba l-għadd sostanzjali ta’ talbiet madwar l-Unjoni dwar l-użu mill-ġdid ta’ data mhux personali f’pajjiżi terzi speċifiċi, il-Kummissjoni tista’ tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jiddikjaraw li l-arranġamenti legali, superviżorji u ta’ infurzar ta’ pajjiż terz:

(a) jiżguraw il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u tas-sigrieti kummerċjali b’mod li jkun essenzjalment ekwivalenti għall-protezzjoni żgurata skont il-liġi tal-Unjoni;

(b) qed jiġu applikati u infurzati b’mod effettiv; u

(c) jipprovdu rimedju ġudizzjarju effettiv.

Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 33(3).

13. Atti leġislattivi speċifiċi tal-Unjoni jistgħu jqisu ċerti kategoriji ta’ data mhux personali miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku li huma sensittivi ħafna għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu meta t-trasferiment tagħhom lejn pajjiżi terzi jista’ jpoġġi l-objettivi tal-politika pubblika tal-Unjoni f’riskju, bħalma huma s-sikurezza u s-saħħa pubblika, jew jista’ jwassal għar-riskju ta’ identifikazzjoni mill-ġdid ta’ data mhux personali u anonimizzata. Meta tali att jiġi adottat, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 32 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu kondizzjonijiet speċjali applikabbli għat-trasferimenti ta’ tali data lejn pajjiżi terzi.

Dawk il-kondizzjonijiet speċjali għandhom ikunu bbażati fuq in-natura tal-kategoriji tad-data mhux personali identifikati fl-att leġiżlattiv tal-Unjoni speċifiku u fuq il-bażi li dawk il-kategoriji jitqiesu sensittivi ħafna, b’kont meħud tar-riskji ta’ identifikazzjoni mill-ġdid ta’ data anonimizzata mhux personali. Huma għandhom ikunu mhux diskriminatorji u limitati għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi tal-politika pubblika tal-Unjoni identifikati f’dak l-att,, f’konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

Jekk meħtieġ minn atti leġislattivi speċifiċi tal-Unjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, tali kondizzjonijiet speċjali jistgħu jinkludu t-termini applikabbli għat-trasferiment jew l-arranġamenti tekniċi f’dan ir-rigward, limitazzjonijiet fir-rigward tal-użu mill-ġdid ta’ data f’pajjiżi terzi jew kategoriji ta’ persuni li huma intitolati li jittrasferixxu tali data lil pajjiżi terzi jew, f’każijiet eċċezzjonali, restrizzjonijiet fir-rigward ta’ trasferimenti lil pajjiżi terzi.

14. Il-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun ingħata d-dritt li terġa’ tuża data mhux personali tista’ tittrasferixxi d-data biss lil dawk il-pajjiżi terzi li jissodisfaw ir-rekwiżiti fil-paragrafi 10, 12 u 13.

*Artikolu 6*

**Tariffi**

1. Il-korpi tas-settur pubbliku li jippermettu l-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta’ data msemmija fl-Artikolu 3(1) jistgħu jitolbu tariffi talli jippermettu l-użu mill-ġdid ta’ din id-data.

2. Kwalunkwe tariffa imposta skont il-paragrafu 1 għandha tkun trasparenti, mhux diskriminatorja, proporzjonata u oġġettivament ġustifikata u ma għandhiex tillimita l-kompetizzjoni.

3. Il-korpi tas-settur pubbliku għandhom jiżguraw li kwalunkwe tariffa tkun tista’ wkoll titħallas online permezz ta’ servizzi ta’ pagament transfruntiera disponibbli b’mod wiesa’, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta’ pagament, il-post tal-ħruġ tal-istrument ta’ pagament jew il-post tal-kont ta’ pagament fl-Unjoni.

4. Fejn il-korpi tas-settur pubbliku japplikaw tariffi, huma għandhom jieħdu miżuri biex jipprovdu inċentivi għall-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta’ data msemmija fl-Artikolu 3(1) għal finijiet mhux kummerċjali bħal finijiet ta’ riċerka xjentifika u minn SMEs u negozji ġodda f’konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. F’dak ir-rigward, il-korpi tas-settur pubbliku jistgħu wkoll jagħmlu d-data disponibbli bi ħlas skontat jew mingħajr ħlas, b’mod partikolari għall-SMEs u għan-negozji ġodda, għas-soċjetà ċivili u għall-istabbilimenti edukattivi. Għal dan il-għan, il-korpi tas-settur pubbliku jistgħu jistabbilixxu lista ta’ kategoriji ta’ utenti mill-ġdid li d-data għall-użu mill-ġdid issir disponibbli bi ħlas skontat jew mingħajr ħlas. Dik il-lista, flimkien mal-kriterji użati biex tiġi stabbilita, għandha ssir disponibbli għall-pubbliku.

5. Kwalunkwe tariffa għandha tkun derivata mill-kostijiet relatati mat-tmexxija tal-proċedura għal talbiet għall-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta’ data msemmija fl-Artikolu 3(1); ulimitata għall-kostijiet meħtieġa fir-rigward ta’:

(a) ir-riproduzzjoni, il-forniment u d-disseminazzjoni tad-data;

(b) l-approvazzjoni tad-drittijiet;

(c) l-anonimizzazzjoni jew forom oħra ta’ tħejjija ta’ data personali u ta’ data kunfidenzjali kummerċjalment kif previst fl-Artikolu 5(3);

(d) iż-żamma tal-ambjent sigur tal-ipproċessar;

(e) i-kisba tad-dritt li jiġi permess l-użu mill-ġdid f’konformità ma’ dan il-Kapitolu minn partijiet terzi barra mis-settur pubbliku; u

(f) l-assistenza lill-utenti mill-ġdid biex ifittxu l-kunsens mis-suġġetti tad-data u l-permess mid-detenturi tad-data li d-drittijiet u l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati minn tali użu mill-ġdid.

6. Il-kriterji u l-metodoloġija għall-kalkolu tat-tariffi għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri u ppubblikati. Il-korp tas-settur pubbliku għandu jippubblika deskrizzjoni tal-kategoriji ewlenin tal-kostijiet u r-regoli użati għall-allokazzjoni tal-kostijiet.

*Artikolu 7*

**Korpi kompetenti**

1. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti msemmija f'dan l-Artikolu, kull Stat Membru għandu jaħtar korp kompetenti wieħed jew aktar, li jistgħu jkunu kompetenti għal setturi partikolari, biex jassistu lill-korpi tas-settur pubbliku li jagħtu jew jirrifjutaw l-aċċess għall-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 3(1). L-Istati Membri jistgħu istabbilixxu korp kompetenti ġdid wieħed jew aktar jew jużaw korpi eżistenti tas-settur pubbliku jew servizzi interni ta' korpi tas-settur pubbliku li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament.

2. Il-korpi kompetenti jistgħu jingħataw is-setgħa li jagħtu aċċess għall-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 3(1) skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali li tipprovdi li tali aċċess jingħata,. Fejn jagħtu jew jirrifjutaw aċċess għall-użu mill-ġdid, l-Artikoli 4, 5, 6 u 9 għandhom japplikaw għal dawk il-korpi kompetenti.

3. Il-korpi kompetenti għandu jkollhom riżorsi legali, finanzjarji, tekniċi u umani adegwati biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom, inkluż l-għarfien tekniku meħtieġ biex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-liġi rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali dwar ir-reġimi ta' aċċess għall-kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 3(1).

4. L-assistenza prevista fil-paragrafu 1 għandu jinkludi, fejn meħtieġ:

(a) l-għoti ta' appoġġ tekniku billi jsir disponibbli ambjent ta' pproċessar sikur għall-għoti ta' aċċess għall-użu mill-ġdid tad-data;

(b) l-għoti ta' gwida u appoġġ tekniku dwar kif l-aħjar tiġi strutturata u maħżuna d-data biex dik id-data tkun aċċessibbli faċilment;

(c) l-għoti ta' appoġġ tekniku għall-psewdonimizzazzjoni u l-iżgurar tal-ipproċessar tad-data b'mod li jiġu ppreżervati b'mod effettiv il-privatezza, il-kunfidenzjalità, l-integrità u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni li tinsab fid-data li għaliha huwa permess l-użu mill-ġdid, inklużi tekniki għall-anonimizzazzjoni, il-ġeneralizzazzjoni, is-soppressjoni, u l-każwalizzazzjoni ta' data personali jew metodi oħra tal-ogħla żvilupp tekniku għall-preservazzjoni tal-privatezza, u t-tħassir ta' informazzjoni kummerċjalment kunfidenzjali, inklużi sigriet kummerċjali jew kontenut protett bid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(d) jassistu lill-korpi tas-settur pubbliku fejn rilevanti, biex jipprovdu appoġġ lill-utenti mill-ġdid meta jitolbu kunsens għall-użu mill-ġdid mis-suġġetti tad-data jew permess mid-detenturi tad-data f'konformità mad-deċiżjonijiet speċifiċi tagħhom, inkluż dwar il-ġuriżdizzjoni jew ġuriżdizzjonijiet li fihom ikun maħsub li ser isir l-ipproċessar tad-data u jassistu lill-korpi tas-settur pubbliku fl-istabbiliment ta' mekkaniżmi tekniċi li jippermettu t-trażmissjoni ta' talbiet għal kunsens jew permess minn utenti mill-ġdid, fejn dan ikun prattikament fattibbli;

(e) l-għoti ta' assistenza lill-korpi tas-settur pubbliku fil-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-impenji kuntrattwali magħmula minn utent mill-ġdid, skont l-Artikolu 5(10).

5. Kull Stati Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-identità tal-korpi kompetenti maħtura skont il-paragrafu 1 sal-24 ta' Settembru 2023. Kull Stat Membru għandu jinnotifika ukoll lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe modifika sussegwenti tal-identità ta' dawk il-korpi kompetenti.

*Artikolu 8*

**Punti uniċi ta' informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 5 u 6 tkun disponibbli u faċilment aċċessibbli permezz ta' punt uniku ta' informazzjoni L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu korp ġdid jew jaħtru korp jew struttura eżistenti bħala l-punt uniku ta' informazzjoni. Il-punt uniku ta' informazzjoni jista' jkun ikkollegat ma' punti ta' informazzjoni settorjali, reġjonali jew lokali. Il-funzjonijiet tal-punt uniku ta' informazzjoni jistgħu jkunu awtomatizzati dment li il-korp tas-settur pubbliku jiżgura appoġġ adegwat.

2. Il-punt uniku ta' informazzjoni għandu jkun kompetenti biex jirċievi mistoqsijiet jew talbiet għall-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 3(1) u għandu jittrażmettihom, meta jkun possibbli u xieraq b'mezzi awtomatizzati, lill-korpi kompetenti tas-settur pubbliku, jew lill-korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 7(1), fejn ikun rilevanti. Il-punt uniku ta' informazzjoni għandu jagħmel disponibbli b'mezzi elettroniċi lista ta' assi li jistgħu jiġu mfittxija li jkun fiha ħarsa ġenerali lejn ir-riżorsi kollha disponibbli tad-data, inkluż, fejn ikun rilevanti, dawk ir-riżorsi tad-data li huma disponibbli f'punti ta' informazzjoni settorjali, reġjonali jew lokali, bl-informazzjoni rilevanti li tiddeskrivi d-data disponibbli, inkluż mill-inqas il-format u d-daqs tad-data u l-kondizzjonijiet għall-użu mill-ġdid tagħhom.

3. Il-punt uniku ta' informazzjoni jista' jistabbilixxi mezz ta' informazzjoni separat, simplifikat u dokumentat sew għall-SMEs u għan-negozji ġodda, filwaqt li jindirizza l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tagħhom li jitolbu l-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 3(1).

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi punt uniku ta' aċċess Ewropew li joffri reġistru elettroniku tad-data li jista' jsir tiftix fih u li jkun disponibbli fil-punti uniċi ta' informazzjoni nazzjonali u aktar informazzjoni dwar kif tista' tintalab id-data permezz ta' dawk il-punti uniċi nazzjonali ta' informazzjoni.

*Artikolu 9*

**Proċedura għal talbiet għall-użu mill-ġdid**

1. Sakemm ma jkunux ġew stabbiliti limiti ta' żmien iqsar skont il-liġi nazzjonali il-korpi kompetenti tas-settur pubbliku jew il-korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 7(1) għandhom jadottaw deċiżjoni dwar it-talba għall-użu mill-ġdid tal-kategoriji ta' data msemmija fl-Artikolu 3(1) fi żmien xahrejn mid-data tal-wasla tat-talba.

F'każ ta' talbiet għal użu mill-ġdid eċċezzjonalment estensivi u kumplessi, dan il-perjodu ta' xahrejn jista' jiġi estiż b'mhux aktar minn 30 jum. F'każijiet bħal dawn il-korpi kompetenti tas-settur pubbliku jew il-korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 7(1) għandhom jinnotifikaw l-applikant malajr kemm jista' jkun li huwa meħtieġ aktar żmien biex titmexxa l-proċedura, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien.

2. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika affettwata direttament minn deċiżjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkollha dritt effettiv ta' rimedju fl-Istat Membru fejn ikun jinsab il-korp rilevanti. It-tali dritt ta' rimedju għandu jiġi stabbilit fil-liġi nazzjonali u għandu jinkludi l-possibbiltà ta' rieżami minn korp imparzjali bl-għarfien espert xieraq, bħal pereżempju l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, l-awtorità rilevanti għall-aċċess għad-dokumenti, l-awtorità superviżorja stabbilita f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, jew awtorità ġudizzjarja nazzjonali, li d-deċiżjonijiet tagħha jkunu vinkolanti fuq il-korp tas-settur pubbliku jew il-korp kompetenti kkonċernat.

*KAPITOLU III*

***Rekwiżiti applikabbli għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data***

*Artikolu 10*

**Servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data**

Il-forniment tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li ġejjin għandu jikkonforma mal-Artikolu 12 u għandu jkun soġġett għal proċedura ta' notifika:

(a) servizzi ta' intermedjazzjoni bejn id-detenturi tad-data u utenti potenzjali tad-data, inkluż li jagħmlu disponibbli l-mezzi tekniċi jew mezzi oħra biex jippermettu dawn is-servizzi; dawk is-servizzi jistgħu jinkludu skambji bilaterali jew multilaterali ta' data jew il-ħolqien ta' pjattaformi jew bażijiet ta' data li jippermettu l-iskambju jew l-użu konġunt ta' data, kif ukoll l-istabbiliment ta' infrastruttura speċifika oħra għall-interkonnessjoni tad-detenturi tad-data mal-utenti tad-data;

(b) servizzi ta' intermedjazzjoni bejn is-suġġetti tad-data li jfittxu li jagħmlu d-data personali tagħhom disponibbli jew persuni fiżiċi li jfittxu li jagħmlu data mhux personali disponibbli, u l-utenti potenzjali tad-data, inkluż li jagħmlu disponibbli l-mezzi tekniċi jew mezzi oħra biex jippermettu dawn is-servizzi, u b'mod partikolari jippermettu l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data pprovduti fir-Regolament (UE) 2016/679;

(c) servizzi ta' kooperattivi tad-data.

*Artikolu 11*

**Notifika minn fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data**

1. Kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li għandu l-ħsieb li jipprovdi s-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 10 għandu jissottometti notifika lill-awtorità kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data bi stabbilimenti f'aktar minn Stat Membru wieħed għandu jitqies li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru fejn għandu l-istabbiliment ewlieni tiegħu, mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni li tirregola l-azzjonijiet transfruntiera għad-danni u proċedimenti relatati.

3. Fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li mhuwiex stabbilit fl-Unjoni, iżda li joffri s-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 10 fi ħdan l-Unjoni, għandu jiddeżinja rappreżentant legali f'wieħed mill-Istati Membri fejn jiġu offruti dawk is-servizzi.

Sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament, ir-rappreżentant legali għandu jingħata l-mandat mill-fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data biex jiġi indirizzat ukoll jew minfloku mill-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew is-suġġetti tad-data u d-detenturi tad-data, fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati mas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data pprovduti. Ir-rappreżentant legali għandu jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u jurihom b'mod komprensiv, fuq talba, l-azzjonijiet meħuda u d-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-fornitur għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.

Il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandu jitqies li huwa taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru fejn ikun jinsab ir-rappreżentant legali. Id-deżinjazzjoni ta' rappreżentant legali mill-fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjonijiet legali li tista' titnieda kontra l-fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data.

4. Wara li jkun ippreżenta notifika skont il-paragrafu 1, il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jista' jibda l-attività soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu.

5. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tagħti d-dritt lill-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li jipprovdi servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data fl-Istati Membri kollha.

6. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data;

(b) l-istatus legali, il-forma, l-istruttura tas-sjieda, is-sussidjarji rilevanti u, fejn il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data ikun irreġistrat f'reġistru tal-kummerċ jew reġistru pubbliku nazzjonali simili ieħor, in-numru ta' reġistrazzjoni;

(c) l-indirizz tal-istabbiliment ewlieni tal-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data fl-Unjoni, jekk ikun hemm, u, fejn applikabbli, ta' kwalunkwe fergħa sekondarja fi Stat Membru ieħor jew dik tar-rappreżentant legali;

(d) sit web pubbliku fejn tista' tinstab informazzjoni sħiħa u aġġornata dwar il-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-attivitajiet, inkluż mill-inqas l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b), (c), u (f);

(e) il-persuni ta' kuntatt u d-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data;

(f) deskrizzjoni tas-servizz ta' intermedjazzjoni tad-data li l-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data biħsiebu jipprovdi, u indikazzjoni tal-kategoriji elenkati fl-Artikolu 10 li taħthom jaqa' tali servizz;

(g) id-data stmata għall-bidu tal-attività, jekk differenti mid-data tan-notifika.

7. L-awtorità kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandha tiżgura li l-proċedura ta' notifika ma tkunx diskriminatorja u ma tfixkilx il-kompetizzjoni.

8. Fuq talba tal-fornitur ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data, l-awtorità kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għandha, fi żmien ġimgħa min-notifika mimlija kif dovut u kompletament, toħroġ dikjarazzjoni standardizzata, li tikkonferma li l-fornitur ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data jkun issottometta n-notifika msemmija fil-paragrafu 1 u li n-notifika fiha l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6.

9. Fuq it-talba tal-fornitur ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data, l-awtorità kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għandha tikkonferma li l-fornitur tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data jikkonforma ma’ dan l-Artikolu u l-Artikoli 12. Malli jirċievi tali konferma, dak il-fornitur ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data jista’ juża t-tikketta “fornitur ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data rikonoxxut fl-Unjoni” fil-komunikazzjoni bil-miktub u bil-fomm tiegħu, kif ukoll logo komuni.

Sabiex jiġi żgurat li l-fornituri tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data rikonoxxuti fl-Unjoni jkunu identifikabbli faċilment madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tistabbilixxi disinn għal-logo komuni. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data rikonoxxuti fl-Unjoni għandhom juru l-logo komuni b’mod ċar fuq kull pubblikazzjoni online u offline li tkun relatata mal-attivitajiet tagħhom ta’ intermedjazzjoni tad-data.

Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 33(2).

10. L-awtorità kompetenti għal servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b’kull notifika ġdida permezz ta’ mezzi elettroniċi, mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha żżomm u taġġorna regolarment reġistru pubbliku tal-fornituri kollha tas-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data li jipprovdu servizzi fl-Unjoni. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, il-punti (a), (b), (c), (d), (f) u (g)u (f)għandha tiġi ppublikata fir-reġistru pubbliku..

11. L-awtorità kompetenti għas-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data tista’ titlob tariffi għan-notifika, f’konformità mal-liġi nazzjonali. Dawn it-tariffi għandhom ikunu proporzjonati u oġġettivi u jkunu bbażati fuq il-kostijiet amministrattivi relatati mal-monitoraġġ tal-konformità u attivitajiet oħra ta’ kontroll tas-suq tal-awtorità kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data fir-rigward tan-notifiki lil fornituri tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data. Fl-każ ta’ SME’s u negozji ġodda,, l-awtorità kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data tista’ titlob tariffa skontata jew teżenthom mit-tariffa..

12. Il-fornituri tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 6 fi żmien 14-il jum mill-jum li fih isseħħ il-bidla.

13. Meta fornitur ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data jwaqqaf l-attivitajiet tiegħu, huwa għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti rilevanti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data determinata skont il-paragrafi 1, 2 u 3 fi żmien 15-il jum.

14. L-awtorità kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar kull notifika msemmija fil-paragrafi 12 u 13, permezz ta’ mezzi elettroniċi, mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha taġġorna r-reġistru pubbliku tal-fornituri ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data fl-Unjoni kif xieraq.

*Artikolu 12*

**Kondizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data**

Il-forniment tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 10 għandu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fornitur tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data ma għandux juża d-data li għaliha jipprovdi servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għal skopijiet oħra ħlief li jpoġġiha għad-dispożizzjoni tal-utenti tad-data u għandu jipprovdi servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data permezz ta’ persuna ġuridika separata;

(b) it-termini kummerċjali, inkluż l-ipprezzar, għall-forniment ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data lil detentur tad-data jew utent tad-data ma għandhomx ikunu dipendenti minn jekk id-detentur tad-data jew l-utent tad-data jużawx servizzi oħra pprovduti mill-istess fornitur ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data jew minn entità relatata, u jekk dan ikun il-każ safejn id-detentur tad-data jew l-utent tad-data jużaw tali servizzi oħra;

(c) id-data miġbura fir-rigward ta' kwalunkwe attività ta' persuna fiżika jew ġuridika għall-finijiet tal-forniment ta' servizz ta' intermedjazzjoni tad-data, inklużi d-data, il-ħin u d-data tal-ġeolokalizzazzjoni, id-durata tal-attività u l-konnessjonijiet ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra stabbiliti mill-persuna li tuża s-servizz ta' intermedjazzjoni tad-data, għandha tintuża biss għall-iżvilupp ta' dak is-servizz ta' intermedjazzjoni tad-data, li jista' jinkludi l-użu ta' data għas-sejba ta' frodi jew għaċ-ċibersigurtà, u għandha ssir disponibbli għad-detenturi tad-data fuq talba;

(d) il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandu jiffaċilita l-iskambju tad-data fil-format li fih jirċievi d-data mingħand suġġett tad-data jew detentur tad-data għandu jikkonverti d-data f'formati speċifiċi biss biex itejjeb l-interoperabbiltà fis-setturi u bejniethom jew jekk mitlub mill-utent tad-data jew meta jkun awtorizzat mil-liġi tal-Unjoni jew biex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni ma' standards tad-data internazzjonali jew Ewropej u għandu joffri possibbiltà ta' nonparteċipazzjoni fir-rigward ta' dawk il-konverżjonijiet lis-suġġetti tad-data jew lid-detenturi tad-data, sakemm il-konverżjoni ma tkunx obbligatorja skont il-liġi tal-Unjoni;

(e) is-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jistgħu jinkludu l-offerta ta' għodod u servizzi speċifiċi addizzjonali lid-detenturi tad-data jew lis-suġġetti tad-data għall-fini speċifika li jiġi ffaċilitat l-iskambju tad-data, bħal pereżempju l-ħżin temporanju, il-konservazzjoni, il-konverżjoni, l-anonimizzazzjoni, il-psewdonimizzazzjoni; dawk l-għodod u servizzi għandhom jintużaw biss fuq it-talba jew l-approvazzjoni espliċita tad-detentur tad-data jew is-suġġett tad-data u l-għodod ta' partijiet terzi offruti f'dak il-kuntest ma għandhomx jużaw id-data għal finijiet oħra;

(f) il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandu jiżgura li l-proċedura għall-aċċess għas-servizz tiegħu tkun ġusta, trasparenti u mhux diskriminatorja kemm għas-suġġetti tad-data u d-detenturi tad-data kif ukoll għall-utenti tad-data, inkluż fir-rigward tal-prezzijiet u t-termini tas-servizz;

(g) il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandu jkollu fis-seħħ proċeduri li jipprevjenu prattiki frodulenti jew abbużivi fir-rigward tal-partijiet li jkunu qed ifittxu aċċess permezz tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data tiegħu;

(h) il-fornitur ta' servizz ta' intermedjazzjoni tad-data għandu, f'każ li jkun insolventi, jiżgura kontinwità raġonevoli tal-forniment tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data tiegħu u, fejn tali servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jiżguraw il-ħżin tad-data, huwa għandu jkollu mekkaniżmi fis-seħħ li jippermettu lid-detenturi tad-data u lill-utenti tad-data jiksbu aċċess għad-data tagħhom, jittrasferuha jew jirkuprawha u, fejn tali servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data huma pprovduti bejn suġġetti tad-data u utenti tad-data, jippermetti lis-suġġetti tad-data jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom;

(i) il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandu jieħu miżuri xierqa biex jiżgura l-interoperabbiltà ma' servizzi oħra ta' intermedjazzjoni tad-data, inter alia, permezz ta' standards miftuħa użati komunement fis-settur li fih jopera l-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data;

(j) il-fornitur ta' servizz ta' intermedjazzjoni tad-data għandu jistabbilixxi miżuri tekniċi, legali u organizzattivi adegwati sabiex jipprevjeni t-trasferiment jew l-aċċess għal data mhux personali li tkun illegali skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti;

(k) il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandu jinforma lid-detenturi tad-data mingħajr dewmien f'każ ta' trasferiment, aċċess jew użu mhux awtorizzat tad-data mhux personali li jkun ikkondivida;

(l) il-fornitur tas-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data għandu jieħu miżuri biex jiżgura livell xieraq ta' sigurtà għall-ħżin, l-ipproċessar u t-trażmissjoni ta' data mhux personali, u l-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandu jiżgura wkoll l-ogħla livell ta' sigurtà għall-ħżin u t-trażmissjoni ta' informazzjoni sensittiva b'rabta mal-kompetizzjoni;

(m) il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li joffri servizzi lis-suġġetti tad-data għandu jaġixxi fl-aħjar interess tas-suġġetti tad-data meta jiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari billi jinforma u, fejn xieraq, jagħti pariri lis-suġġetti tad-data b'mod konċiż, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli dwar l-użu maħsub tad-data mill-utenti tad-data u t-termini u l-kondizzjonijiet standard marbuta ma' tali użi, qabel ma s-suġġetti tad-data jagħtu l-kunsens;

(n) meta fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jipprovdi għodod għall-ksib ta' kunsens minn suġġetti tad-data jew permessi għall-ipproċessar ta' data magħmula disponibbli minn detenturi tad-data, huwa għandu, fejn rilevanti, jispeċifika l-ġuriżdizzjoni ta pajjiż terz li fiha ikun maħsub li ser isir l-użu tad-data u jipprovdi lis-suġġetti tad-data bl-għodod biex jagħtu kif ukoll jirtiraw il-kunsens u lid-detenturi tad-data bl-għodod biex jagħtu kif ukoll jirtiraw il-permessi għall-ipproċessar tad-data;

(o) il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandu jżomm reġistru tal-attività tal-intermedjazzjoni tad-data.

*Artikolu 13*

**Awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar biex twettaq il-kompiti relatati mal-proċedura ta’ notifika għal servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data u għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-identità ta’ dawk l-awtoritajiet kompetenti sal-24 ta’ Settembru 2023. Kull Stat Membru għandu jinnotifika wkoll lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla sussegwenti għall-identità ta’ dawk l-awtoritajiet kompetenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti għal servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26.

3. Is-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti għal servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data huma mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, l-awtoritajiet responsabbli għaċ-ċibersigurtà u awtoritajiet settorjali rilevanti oħra. F’konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, dawk l-awtoritajiet għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni b’saħħitha u jiskambjaw l-informazzjoni kif ikun meħtieġ għall-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom fir-rigward tal-fornituri ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data, u għandhom jimmiraw sabiex tinkiseb konsistenza fid-deċiżjonijiet meħuda fl-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 14*

**Monitoraġġ tal-konformità**

1. L-awtoritajiet kompetenti għal servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għandhom jimmonitorjaw u jissorveljaw il-konformità tal-fornituri tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data mar-rekwiżiti ta’ dan il-Kapitolu. L-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data jistgħu wkoll jimmonitorjaw u jissorveljaw il-konformità tal-fornituri tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data abbażi ta’ talba minn persuna fiżika jew ġuridika.

2. L-awtoritajiet kompetenti għal servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għandu jkollhom is-setgħa li jitolbu mingħand il-fornituri tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data jew ir-rappreżentanti legali tagħhom l-informazzjoni kollha li hija meħtieġa biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti ta’ dan il-Kapitolu. Kwalunkwe talba għal informazzjoni għandha tkun proporzjonata għat-twettiq tal-kompitu u għandha tkun motivata.

3. Fejn l-awtorità kompetenti għal servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data ssib li fornitur ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data ma jikkonformax ma’ wieħed jew aktar mir-rekwiżiti ta’ dan il-Kapitolu, hija għandha tinnotifika lil dak il-fornitur tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data b’dawk is-sejbiet u tagħtih l-opportunità li jistqarr il-fehmiet tiegħu, fi żmien 30 jum minn meta tasal in-notifika.

4. L-awtorità kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għandu jkollha s-setgħa li tirrikjedi l-waqfien tal-ksur imsemmi fil-paragrafu 3 f’limitu ta’ żmien raġonevoli jew immedjatament fil-każ ta’ ksur serju, u għandha tieħu miżuri xierqa u proporzjonati bl-għan li tiżgura l-konformità. F’dak ir-rigward, l-awtorità kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għandu jkollha s-setgħa, fejn ikun xieraq:

(a) li timponi, permezz ta’ proċeduri amministrattivi, penali finanzjarji dissważivi, li jistgħu jinkludu penali perjodiċi u penali b’effett retroattiv, li jibdew proċedimenti legali għall-impożizzjoni ta’ multi, jew it-tnejn li huma;

(b) li tirrikjedi posponiment tal-bidu, jew sospensjoni tal-forniment tas-servizz tal-intermedjazzjoni tad-data sakemm issir kwalunkwe bidla għall-kondizzjonijiet mitluba mill-awtorità kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data; jew

(c) li tirrikjedi l-waqfien tal-forniment tas-servizz tal-intermedjazzjoni tad-data, f’każ li ksur serju jew ripetut ma jkunx ġie rrimedjat minkejja notifika minn qabel f’konformità mal-paragrafu 3.

L-awtorità kompetenti għas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data għandha titlob lill-Kummissjoni tneħħi lill-fornitur tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data mir-reġistru tal-fornituri ta’ servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data ladarba tkun ordnat il-waqfien tal-provvista tas-servizz ta’ intermedjazzjoni tad-data f’konformità mal-ewwel subparagrafu, il-punt (c).

Jekk fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jirrimedja l-ksur, dak il-fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandu jinnotifika mill-ġdid lill-awtorità kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data. L-awtorità kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar kull notifika mill-ġdid ġdida li ssir.

5. Meta fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li mhuwiex stabbilit fl-Unjoni jonqos milli jaħtar rappreżentant legali jew ir-rappreżentant legali jonqos, fuq talba tal-awtorità kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data, milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa li b'mod komprensiv turi l-konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandu jkollha s-setgħa li tipposponi l-bidu tal-provvista tas-servizz ta' intermedjazzjoni tad-data jew li tissospendiha sakemm jiġi maħtur ir-rappreżentant legali jew tiġi pprovduta l-informazzjoni neċessarja.

6. L-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandhom jinnotifikaw lill-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data bil-miżuri imposti skont il-paragrafi 4 u 5 u r-raġunijiet li fuqhom huma bbażati, kif ukoll il-passi meħtieġa li għandhom jittieħdu biex jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet rilevanti mingħajr dewmien, u għandhom jistipulaw perijodu raġonevoli, li ma għandux ikun itwal minn 30 jum, biex il-fornitur għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jikkonforma ma' dawk il-miżuri.

7. Jekk fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jkollu l-istabbiliment ewlieni jew ir-rappreżentant legali tiegħu fi Stat Membru, iżda jipprovdi servizzi fi Stati Membri oħra, l-awtorità kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data tal-Istat Membru tal-istabbiliment prinċipali jew ta' fejn jinsab ir-rappreżentant legali u l-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data ta' dawk l-Istati Membri l-oħra għandhom jikkooperaw u jassistu lil xulxin. Tali assistenza u kooperazzjoni jistgħu jkopru skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data kkonċernati għall-finijiet tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament u talbiet motivati biex jittieħdu l-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu.

Meta awtorità kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data fi Stat Membru wieħed titlob assistenza minn awtorità kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data fi Stat Membru ieħor, hija għandha tippreżenta talba motivata. L-awtorità kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data għandha, meta tirċievi tali talba, tipprovdi tweġiba mingħajr dewmien u f'perijodu ta' żmien proporzjonat mal-urġenza tat-talba.

Kwalunkwe informazzjoni skambjata fil-kuntest tal-assistenza mitluba u mogħtija skont dan il-paragrafu għandha tintuża biss fir-rigward tal-kwistjoni li għaliha tkun intalbet.

*Artikolu 15*

**Eċċezzjonijiet**

Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għal organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data jew entitajiet oħra mingħajr skop ta' qligħ sa fejn l-attivitajiet tagħhom jikkonsistu li jfittxu li jiġbru data għal objettivi ta' interess ġenerali, magħmula disponibbli minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi abbażi tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, sakemm dawk l-organizzazzjonijiet u l-entitajiet ma jkollhomx l-għan li jistabbilixxu relazzjonijiet kummerċjali bejn għadd indeterminat ta' suġġetti tad-data u detenturi tad-data, minn naħa waħda, u l-utenti tad-data, min-naħa l-oħra.

*KAPITOLU IV*

***Altruwiżmu fir-rigward tad-data***

*Artikolu 16*

**Arranġamenti nazzjonali għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data**

L-Istati Membri jista' jkollhom fis-seħħ arranġamenti organizzattivi jew tekniċi biex jiffaċilitaw l-altruwiżmu fir-rigward tad-data. Għal dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-politiki nazzjonali għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data. Dawk il-politiki nazzjonali jistgħu, b'mod partikolari, jassistu lis-suġġetti tad-data meta jagħmlu d-data personali relatata magħhom miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku disponibbli b'mod volontarju għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data, u jistabbilixxu l-informazzjoni neċessarja li tkun meħtieġa li tiġi pprovduta lis-suġġetti tad-data dwar l-użu mill-ġdid tad-data tagħhom fl-interess ġenerali.

Jekk Stat Membru jiżviluppa tali politiki nazzjonali, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwarhom.

*Artikolu 17*

**Reġistri pubbliċi ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data**

1. Kull awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha żżomm u taġġorna regolarment reġistru pubbliku nazzjonali tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data.

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru pubbliku tal-Unjoni tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għal finijiet ta' informazzjoni. Sakemm entità rreġistrata fir-reġistru pubbliku nazzjonali ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data f'konformità mal-Artikolu 18, tista' tuża t-tikketta "organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fl-Unjoni" fil-komunikazzjoni miktuba u mitkellma tagħha, kif ukoll logo komuni.

Sabiex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data jkunu jistgħu jiġu identifikati faċilment madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, disinn għal-logo komuni. L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandhom juru l-logo komuni b'mod ċar fuq kull pubblikazzjoni online u offline li tkun relatata mal-attivitajiet tagħhom tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data. Il-logo komuni għandu jkun akkumpanjat minn kodiċi QR b'link għar-reġistru pubbliku tal-Unjoni ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 33(2).

*Artikolu 18*

**Rekwiżiti ġenerali għar-reġistrazzjoni**

Sabiex tikkwalifika għar-reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku nazzjonali ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, entità għandha:

(a) twettaq attivitajiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data;

(b) tkun persuna ġuridika stabbilita skont il-liġi nazzjonali biex tilħaq objettivi ta' interess ġenerali kif previst fil-liġi nazzjonali, fejn ikun applikabbli;

(c) topera fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ u tkun legalment indipendenti minn kwalunkwe entità li topera fuq bażi għal skop ta' qligħ;

(d) twettaq l-attivitajiet relatati mal-altruwiżmu fir-rigward tad-data permezz ta' struttura li hija funzjonalment separata mill-attivitajiet l-oħra tagħha;

(e) tikkonforma mal-ġabra tar-regoli msemmija fl-Artikolu 22(1), mhux aktar tard minn 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati msemmija f'dak il-paragrafu.

*Artikolu 19*

**Reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data**

1. Entità li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 18 tista' tippreżenta applikazzjoni għal reġistrazzjoni fir-reġistru pubbliku nazzjonali ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data fl-Istat Membru fejn hija stabbilita.

2. Entità li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 18 u għandha stabbilimenti f'aktar minn Stat Membru wieħed, tista' tippreżenta applikazzjoni għal reġistrazzjoni fir-reġistru pubbliku nazzjonali ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data fl-Istat Membru fejn għandha l-istabbiliment ewlieni.

3. Entità li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 18 iżda li mhix stabbilita fl-Unjoni, għandha taħtar rappreżentant legali f'wieħed mill-Istati Membri fejn dawk is-servizzi tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data huma offruti.

Għall-finijiet tal-iżgurar tal-konformità ma' dan ir-Regolament, ir-rappreżentant legali għandu jingħata mandat mill-entità biex jiġi indirizzat flimkien magħha jew minflokha mill-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data jew is-suġġetti tad-data u d-detenturi tad-data, fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati ma' dik l-entità. Ir-rappreżentant legali għandu jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data u jurihom b'mod komprensiv, fuq talba, l-azzjonijiet meħuda u d-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-entità biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.

L-entità għandha titqies li hija taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li fih jinsab ir-rappreżentant legali. Tali entità tista' tippreżenta applikazzjoni għal reġistrazzjoni fir-reġistru pubbliku nazzjonali tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data f'dak l-Istat Membru. Il-ħatra ta' rappreżentant legali mill-entità għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni legali li tista' tinbeda kontra l-entità.

4. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-entità;

(b) l-istatus legali, il-forma u, fejn l-entità tkun irreġistrata f'reġistru pubbliku nazzjonali, in-numru ta' reġistrazzjoni;

(c) l-istatuti tal-entità, fejn ikun xieraq;

(d) is-sorsi ta' dħul tal-entità;

(e) l-indirizz tal-istabbiliment ewlieni tal-entità fl-Unjoni, jekk ikun hemm, u, fejn applikabbli, kwalunkwe fergħa sekondarja fi Stat Membru ieħor jew dak tar-rappreżentant legali;

(f) sit web pubbliku fejn tista' tinstab informazzjoni kompleta u aġġornata dwar l-entità u l-attivitajiet, inkluż mill-inqas l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b), (d), (e) u (h);

(g) il-persuni ta' kuntatt u d-dettalji ta' kuntatt tal-entità;

(h) l-objettivi ta' interess ġenerali li għandha l-ħsieb li tippromwovi meta tiġbor id-data;

(i) in-natura tad-data li l-entità beħsiebha tikkontrolla jew tipproċessa, u, fil-każ ta' data personali, indikazzjoni tal-kategoriji tad-data personali;

(j) kwalunkwe dokument ieħor li juri li r-rekwiżiti tal-Artikolu 18 huma ssodisfati.

5. Meta l-entità tkun ippreżentat l-informazzjoni kollha meħtieġa skont il-paragrafu 4 u wara li l-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data tkun evalwat l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u tkun sabet li l-entità tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 18, hija għandha tirreġistra l-entità fir-reġistru pubbliku nazzjonali tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data fi żmien 12-il ġimgħa wara li tkun irċeviet l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni għandha tkun valida fl-Istati Membri kollha.

L-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe reġistrazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tinkludi dik ir-reġistrazzjoni fir-reġistru pubbliku tal-Unjoni tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data.

6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-punti (a), (b), (f), (g), u (h) għandha tiġi ppubblikata fir-reġistru pubbliku nazzjonali rilevanti tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data.

7. Organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti rilevanti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 4 fi żmien 14-il jum mid-data tal-bidla.

L-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'mezzi elettroniċi dwar kull notifika bħal din mingħajr dewmien. Abbażi ta' tali notifika, il-Kummissjoni għandha taġġorna mingħajr dewmien ir-reġistru pubbliku tal-Unjoni tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data.

*Artikolu 20*

**Rekwiżiti ta’ trasparenza**

1. Organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha żżomm rekords sħaħ u preċiżi dwar:

(a) il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha li ngħataw il-possibbiltà li jipproċessaw id-data miżmuma minn dik l-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, u d-dettalji ta’ kuntatt tagħhom;

(b) id-data jew it-tul ta’ żmien tal-ipproċessar ta’ data personali jew l-użu ta’ data mhux personali;

(c) l-iskop tal-ipproċessar kif iddikjarat mill-persuna fiżika jew ġuridika li ngħatat il-possibbiltà ta’ pproċessar;

(d) it-tariffi mħallsa minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jipproċessaw id-data, jekk ikun hemm.

2. Organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha tfassal u tittrażmetti lill-awtorità rilevanti kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rapport annwali tal-attivitajiet li għandu jkun fih mill-inqas dan li ġej:

(a) informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data;

(b) deskrizzjoni tal-mod li bih l-objettivi ta’ interess ġenerali li għalihom inġabret id-data ġew promossi matul is-sena finanzjarja partikolari;

(c) lista tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li tħallew jipproċessaw id-data li għandha, inkluż deskrizzjoni fil-qosor tal-objettivi ta’ interess ġenerali ta’ tali pproċessar tad-data u d-deskrizzjoni tal-mezzi tekniċi użati għalih, inkluż deskrizzjoni tat-tekniki użati għall-preservazzjoni tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data;

(d) sommarju tar-riżultati tal-ipproċessar tad-data permess mill-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, fejn ikun applikabbli;

(e) informazzjoni dwar is-sorsi ta’ dħul tal-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, b’mod partikolari d-dħul kollu mill-permess tal-aċċess għad-data, u dwar l-infiq.

*Artikolu 21*

**Rekwiżiti speċifiċi għas-salvagwardja tad-drittijiet u tal-interessi tas-suġġetti tad-data u tad-detenturi tad-data fir-rigward tad-data tagħhom**

1. Organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha tinforma lis-suġġetti tad-data u lid-detenturi tad-data qabel kwalunkwe pproċessar tad-data tagħhom b’mod ċar u faċli li jinftiehem dwar:

(a) l-objettivi ta’ interess ġenerali u, jekk applikabbli, l-iskop speċifikat, espliċitu u leġittimu li għalih għandha tiġi pproċessata d-data personali, u li għalihom hija tippermetti l-ipproċessar tad-data tagħha minn utent tad-data;

(b) il-post u l-objettivi ta’ interess ġenerali li għalihom tippermetti kwalunkwe pproċessar imwettaq f’pajjiż terz, fejn l-ipproċessar jitwettaq mill-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data.

2. L-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ma għandhiex tuża d-data għal objettivi oħra għajr dawk ta’ interess ġenerali li għalihom is-suġġett tad-data jew id-detentur tad-data jippermetti l-ipproċessar. L-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ma għandhiex tuża prattiki kummerċjali qarrieqa għas-sollecitazzjoni tal-forniment ta’ data.

3. L-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha tipprovdi għodod biex jinkiseb il-kunsens mis-suġġetti tad-data jew permessi għall-ipproċessar tad-data magħmula disponibbli mid-detenturi tad-data. L-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha tipprovdi wkoll għodod sabiex tali kunsens jew permess jiġi rtirat faċilment.

4. L-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha tieħu miżuri biex tiżgura livell xieraq ta’ sigurtà għall-ħżin u l-ipproċessar ta’ data mhux personali li tkun ġabret abbażi tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data.

5. L-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha tinforma mingħajr dewmien lid-detenturi tad-data f’każ ta’ kwalunkwe trasferiment, aċċess jew użu mhux awtorizzat tad-data mhux personali li tkun ikkondividiet.

6. Meta l-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data tiffaċilita l-ipproċessar tad-data minn partijiet terzi, inkluż billi tipprovdi għodod għall-ksib ta' kunsens minn suġġetti tad-data jew permessi biex tiġi pproċessata data magħmula disponibbli minn detenturi tad-data, hija għandha, fejn ikun rilevanti, tispeċifika l-ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz li fiha jkun maħsub li jsir l-użu tad-data.

*Artikolu 22*

**Ġabra ta' regoli**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32, li jissupplementaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu ġabra ta' regoli, li tistipula:

(a) rekwiżiti ta' informazzjoni xierqa biex jiġi żgurat li s-suġġetti tad-data u d-detenturi tad-data u jiġu pprovduti, qabel ma jingħata kunsens jew permess għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data, b'informazzjoni dettaljata, ċara u trasparenti biżżejjed dwar l-użu tad-data, l-għodod għall-għoti u l-irtirar tal-kunsens jew tal-permess, u l-miżuri meħuda biex jiġi evitat l-użu ħażin tad-data kondiviża mal-organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data;

(b) rekwiżiti tekniċi u ta' sigurtà xierqa biex jiġi żgurat il-livell xieraq ta' sigurtà għall-ħżin u l-ipproċessar tad-data, kif ukoll għall-għodod biex jingħata u jiġi rtirat il-kunsens jew il-permess;

(c) pjanijiet direzzjonali ta' komunikazzjoni li jieħdu approċċ multidixxiplinari għas-sensibilizzazzjoni dwar l-altruwiżmu fir-rigward tad-data, dwar il-ħatra bħala "organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fl-Unjoni" u dwar il-ġabra tar-regoli fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari d-detenturi tad-data u s-suġġetti tad-data li potenzjalment jikkondividu d-data tagħhom;

(d) rakkomandazzjonijiet dwar l-istandards rilevanti tal-interoperabbiltà.

2. Il-ġabra tar-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandha titħejja f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

*Artikolu 23*

**Awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli għar-reġistru pubbliku nazzjonali tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data.

L-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26.

2. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-identità tal-awtoritajiet kompetenti tiegħu għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data sal-24 ta' Settembru 2023. Kull Stat Membru għandu jinnotifika wkoll lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla sussegwenti fl-identità ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

3. L-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ta' Stat Membru għandha twettaq il-kompiti tagħha f'kooperazzjoni mal-awtorità rilevanti għall-protezzjoni tad-data, fejn tali kompiti jkunu relatati mal-ipproċessar ta' data personali, u ma' awtoritajiet settorjali rilevanti ta' dak l-Istat Membru.

*Artikolu 24*

**Monitoraġġ tal-konformità**

1. L-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandhom jimmonitorjaw u jissorveljaw il-konformità tal- organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data mar-rekwiżiti stipulati f'dan il-Kapitolu. L-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data tista' wkoll timmonitorja u tissorvelja l-konformità ta' tali organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, abbażi ta' talba minn persuni fiżika jew ġuridika.

2. L-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandu jkollhom is-setgħa li jitolbu informazzjoni minn ' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data li tkun meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu. Kwalunkwe talba għal informazzjoni għandha tkun proporzjonata għat-twettiq tal-kompitu u għandha tkun motivata.

3. Fejn l-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ssib li organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ma tikkonformax ma' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu, hija għandha tinnotifika lill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data b'dawk is-sejbiet u tagħtiha l-opportunità li tiddikjara l-fehmiet tagħha, fi żmien 30 jum minn meta tkun irċeviet in-notifika.

4. L-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandu jkollha s-setgħa li titlob il-waqfien tal-ksur imsemmi fil-paragrafu 3 immedjatament jew f'limitu ta' żmien raġonevoli u għandha tieħu miżuri xierqa u proporzjonati bil-għan li tiżgura l-konformità.

5. Jekk organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ma tikkonformax ma' wieħed jew aktar mir-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu anke wara li tkun ġiet notifikata f'konformità mal-paragrafu 3 mill-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, dik l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha:

(a) titlef id-dritt tagħha li tuża t-tikketta "organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data fl-Unjoni" fi kwalunkwe komunikazzjoni miktuba u mitkellma;

(b) titneħħa mir-reġistru pubbliku nazzjonali rilevanti tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, u mir-reġistru pubbliku tal-Unjoni tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data.

Kwalunkwe deċiżjoni li tirrevoka d-dritt li tintuża t-tikketta "organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fl-Unjoni" skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandha ssir pubblika mill-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data

6. Jekk organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data jkollha l-istabbiliment ewlieni jew ir-rappreżentant legali tagħha fi Stat Membru iżda tkun attiva fi Stati Membri oħra, l-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data tal-Istat Membru tal-istabbiliment ewlieni jew fejn jinsab ir-rappreżentant legali u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ta' dawk l-Istati Membri l-oħra għandhom jikkooperaw u jassistu lil xulxin. Tali assistenza u kooperazzjoni jistgħu jkopru skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data kkonċernati għall-finijiet tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament u talbiet motivati biex jittieħdu l-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu.

Meta awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data fi Stat Membru wieħed titlob assistenza minn awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data fi Stat Membru ieħor, hija għandha tippreżenta talba motivata. L-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, malli tirċievi tali talba, għandha tipprovdi tweġiba mingħajr dewmien u f'perijodu ta' żmien proporzjonat mal-urġenza tat-talba.

Kwalunkwe informazzjoni skambjata fil-kuntest tal-assistenza mitluba u mogħtija skont dan il-paragrafu għandha tintuża biss fir-rigward tal-kwistjoni li għaliha tkun intalbet.

*Artikolu 25*

**Formola Ewropea għall-kunsens għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data**

1. Sabiex jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' data abbażi tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu u jiżviluppaw formola Ewropea ta' kunsens dwar l-altruwiżmu fir-rigward tad-data, wara konsultazzjoni mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, b'kont meħud tal-parir tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data, u bl-involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-formola għandha tippermetti l-ġbir tal-kunsens jew il-permess fl-Istati Membri kollha f'format uniformi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 33(2).

2. Il-formola Ewropea għall-kunsens għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha tuża approċċ modulari li jippermetti l-adattament skont il-ħtiġijiet għal setturi speċifiċi u għal finijiet differenti.

3. Meta tiġi pprovduta data personali, il-formola Ewropea tal-kunsens għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandha tiżgura li s-suġġetti tad-data jkunu jistgħu jagħtu l-kunsens u jirtiraw il-kunsens tagħhom minn operazzjoni speċifika tal-ipproċessar tad-data f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/679.

4. Il-formola għandha tkun disponibbli b'mod li tista' tiġi stampata fuq karta u li tinftiehem faċilment kif ukoll f'forma elettronika li tinqara minn magna.

*KAPITOLU V*

***Awtoritajiet kompetenti u dispożizzjonijiet proċedurali***

*Artikolu 26*

**Rekwiżiti relatati mal-awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandhom ikunu legalment distinti u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data. Il-funzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data jistgħu jitwettqu mill-istess awtorità. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu awtorità ġdida waħda jew aktar għal dawk il-finijiet jew iserrħu fuq dawk eżistenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandhom jeżerċitaw il-kompiti tagħhom b'mod imparzjali, trasparenti, konsistenti, affidabbli u f'waqtu. Meta jwettqu l-kompiti tagħhom, huma għandhom jissalvagwardjaw il-kompetizzjoni ġusta u n-nondiskriminazzjoni.

3. Il-maniġment fl-ogħla livell u l-persunal responsabbli għat-twettiq tal-kompiti rilevanti tal-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ma jistgħux ikunu d-disinjatur, il-manifattur, il-fornitur, l-installatur, ix-xerrej, is-sid, l-utent jew il-persuna li twettaq il-manutenzjoni tas-servizzi li huma jevalwaw, lanqas ir-rappreżentant awtorizzat ta' xi waħda minn dawk il-partijiet. Dan ma għandux jipprekludi l-użu tas-servizzi evalwati li huma meħtieġa għall-operazzjonijiet tal-awtorità kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data jew l-użu ta' tali servizzi għal skopijiet personali.

4. Il-maniġment fl-ogħla livell u l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ma għandhom jinvolvu ruħhom f'ebda attività li tista' tkun f'kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet ta' evalwazzjoni assenjati lilhom.

5. L-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom ir-riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom, inklużi l-għarfien u r-riżorsi tekniċi meħtieġa.

6. L-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ta' Stat Membru għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data minn Stati Membri oħra, fuq talba motivata u mingħajr dewmien, l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament. Fejn awtorità kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data tqis li l-informazzjoni mitluba hija kunfidenzjali skont il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità kummerċjali u professjonali, il-Kummissjoni u kwalunkwe awtorità kompetenti oħra għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data kkonċernata għandhom jiżguraw dik il-kunfidenzjalità.

*Artikolu 27*

**Dritt li jitressaq ilment**

1. Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi għandu jkollhom id-dritt li jressqu ilment b'rabta ma' kwalunkwe kwistjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod individwali jew, fejn rilevanti, b'mod kollettiv, quddiem l-awtorità kompetenti rilevanti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data kontra fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew quddiem l-awtorità kompetenti rilevanti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' intermedjazzjoni tad-data kontra organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data.

2. L-awtorità kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew l-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data li lilha jkun tressaq l-ilment għandha tinforma lil min ikun għamel l-ilment dwar:

(a) il-progress tal-proċedimenti u dwar id-deċiżjoni meħuda; u

(b) ir-rimedji ġudizzjarji previsti fl-Artikolu 28.

*Artikolu 28*

**Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv**

1. Minkejja kwalunkwe rimedju amministrattiv jew mhux ġudizzjarju ieħor, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika affettwata għandu jkollha d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv fir-rigward ta' deċiżjonijiet legalment vinkolanti msemmija fl-Artikolu 14 meħuda mill-awtoritajiet kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data fil-ġestjoni, il-kontroll u l-infurzar tar-reġim ta' notifika għal fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u deċiżjonijiet legalment vinkolanti msemmija fl-Artikoli 19 u 24 meħuda mill-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data fil-monitoraġġ ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data.

2. Il-proċedimenti skont dan l-Artikolu għandhom jitressqu quddiem il-qrati jew tribunali tal-Istat Membru tal-awtorità kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew l-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data li kontriha jintalab ir-rimedju ġudizzjarju b'mod individwali jew, fejn rilevanti, kollettivament, mir-rappreżentanti ta' persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar.

3. Meta awtorità kompetenti għal servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data tonqos milli taġixxi fuq ilment, kwalunkwe persuna fiżika u ġuridika affettwata għandha, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jew ikollha d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv inkella aċċess għal rieżami minn korp imparzjali bl-għarfien espert xieraq.

*KAPITOLU VI*

***Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data***

*Artikolu 29*

**Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data fil-forma ta' grupp ta' esperti, magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data tal- Istati Membri kollha, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, l-ENISA, il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant tal-UE għall-SMEs jew rappreżentant maħtur min-network tar-rappreżentanti tal-SMEs, u rappreżentanti oħra tal-korpi rilevanti f'setturi speċifiċi kif ukoll korpi b'għarfien espert speċifiku. Meta taħtar esperti individwali, il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li tikseb bilanċ bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku fost il-membri tal-grupp ta' esperti.

2. Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data għandu jikkonsisti minn tal-inqas mit-tliet subgruppi li ġejjin:

(a) subgrupp magħmul mill-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, bil-ħsieb li jitwettqu l-kompetenti skont l-Artikolu 30, il-punti (a), (c), (j) u (k);

(b) subgrupp għal diskussjonijiet tekniċi dwar l-istandardizzazzjoni, il-portabbiltà u l-interoperabbiltà skont l-Artikolu 30, il-punti (f) u (g);

(c) subgrupp għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati magħmul minn rappreżentanti rilevanti mill-industrija, ir-riċerka, id-dinja akkademika, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni, l-ispazji komuni Ewropej tad-data rilevanti u l-partijiet ikkonċernati u l-partijiet terzi l-oħra rilevanti li jagħtu pariri lill-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data dwar il-kompiti skont l-Artikolu 30, il-punti (d), (e), (f), (g) u (h).

3. Il-Kummissjoni għandha tippresiedi l-laqgħat tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data.

4. Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data għandu jkollu l-għajnuna ta' segretarjat ipprovdut mill-Kummissjoni.

*Artikolu 30*

**Kompiti tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data**

Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:

(a) li jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-iżvilupp ta' prattika konsistenti tal-korpi tas-settur pubbliku u l-korpi kompetenti msemmija fl-Artikolu 7(1) fit-trattament ta' talbiet għall-użu mill-ġdid tal-kategoriji tad-data msemmija fl-Artikolu 3(1);

(b) li jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-iżvilupp ta' prattika konsistenti għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data madwar l-Unjoni;

(c) li jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-iżvilupp ta' prattika konsistenti tal-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti applikabbli għall-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u organizzazzjonijiet rikonoxxuti ta' altruwiżmu fir-rigward tad-data;

(d) li jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-iżvilupp ta' linji gwida konsistenti dwar kif għandha tiġi protetta bl-aħjar mod, fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, data kummerċjalment sensittiva ta' natura mhux personali, b'mod partikolari sigrieti kummerċjali, iżda wkoll data mhux personali li tirrappreżenta kontenut protett permezz ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali minn aċċess illegali li jista' jwassal għal serq ta' proprjetà intellettwali jew spjunaġġ industrijali;

(e) li jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-iżvilupp ta' linji gwida konsistenti għar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għall-iskambju u l-ħżin tad-data;

(f) li jagħti pariri lill-Kummissjoni, b'mod partikolari billi jqis il-kontribut mill-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni, dwar il-prijoritizzazzjoni tal-istandards transsettorjali li għandhom jintużaw u jiġu żviluppati għall-użu tad-data u l-kondiviżjoni transsettorjali tad-data bejn spazji komuni Ewropej tad-data emerġenti, it-tqabbil transsettorjali u l-iskambju tal-aħjar prattiki fir-rigward tar-rekwiżiti settorjali għas-sigurtà u l-proċeduri tal-aċċess, filwaqt li jitqiesu l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni speċifiċi għas-settur, u b'mod partikolari biex jiġi ċċarat u speċifikat liema standards u prattiki huma transsettorjali u liema huma settorjali;

(g) li jassisti lill-Kummissjoni, b'mod partikolari billi jqis il-kontribut mill-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni, fl-indirizzar tal-frammentazzjoni tas-suq intern u tal-ekonomija tad-data fis-suq intern billi jtejjeb l-interoperabbiltà transfruntiera, transsettorjali tad-data kif ukoll tas-servizzi ta' kondiviżjoni tad-data bejn setturi u dominji differenti, filwaqt li jibni fuq standards Ewropej, internazzjonali jew nazzjonali eżistenti, fost oħrajn bil-għan li jitheġġeġ il-ħolqien ta' spazji komuni Ewropej tad-data;

(h) li jipproponi linji gwida għal "spazji komuni Ewropej tad-data" jiġifieri oqfsa interoperabbli speċifiċi għall-iskop jew għas-settur jew transsettorjali ta' standards u prattiki komuni biex tiġi kondiviża jew ipproċessata b'mod konġunt data, fost oħrajn, għall-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ġodda, inizjattivi ta' riċerka xjentifika jew tas-soċjetà ċivili; tali standards u prattiki komuni għandhom iqisu l-istandards eżistenti, jikkonformaw mar-regoli tal-kompetizzjoni u jiżguraw aċċess mhux diskriminatorju għall-parteċipanti kollha, sabiex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tad-data fl-Unjoni u jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ispazji tad-data eżistenti u futuri li jindirizzaw, fost oħrajn:

  (i) standards transsettorjali li għandhom jintużaw u jiġu żviluppati għall-użu tad-data u l-kondiviżjoni transsettorjali tad-data, it-tqabbil u l-iskambju transsettorjali tal-aħjar prattiki fir-rigward tar-rekwiżiti settorjali għas-sigurtà u l-proċeduri tal-aċċess, filwaqt li jitqiesu l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni speċifiċi għas-settur, b'mod partikolari il-kjarifika u l-ispeċifikazzjoni ta' liema standards u prattiki huma transsettorjali u liema huma settorjali;

  (ii) rekwiżiti biex jiġu indirizzati l-barrieri għad-dħul fis-suq u biex jiġu evitati effetti ta' intrappolament tal-klijentela, sabiex jiġu żgurati l-kompetizzjoni ġusta u l-interoperabbiltà;

(iii) protezzjoni adegwata għat-trasferimenti legali tad-data lejn pajjiżi terzi, inkluż salvagwardji kontra kwalunkwe trasferiment ipprojbit mil-liġi tal-Unjoni;

(iv) rappreżentanza adegwata u mhux diskriminatorja tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-governanza ta' spazji komuni Ewropej tad-data;

(v) osservanza tar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà f'konformità mal-liġi tal-Unjoni;

(i) li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-istabbiliment ta' kondizzjonijiet armonizzati li jippermettu l-użu mill-ġdid tal-kategoriji tad-data msemmija fl-Artikolu 3(1) miżmuma minn korpi tas-settur pubbliku madwar is-suq intern;

(j) li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-iskambju ta' informazzjoni, b'mod partikolari bl-istabbiliment ta' metodi għall-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni relatata mal-proċedura ta' notifika għal fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u r-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data, inkluż il-koordinazzjoni fir-rigward tal-iffissar ta' miżati jew pieni, kif ukoll jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-awtoritajiet kompetenti għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tal-aċċess internazzjonali u t-trasferiment tad-data;

(k) li jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' jekk għandhomx jiġu adottati l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(11) u (12);

(l) li jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-iżvilupp tal-formola Ewropea ta' kunsens għall-altruwiżmu fir-rigward tad-data f'konformità mal-Artikolu 25(1);

(m) li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar it-titjib tal-ambjent regolatorju internazzjonali għad-data mhux personali inkluż l-istandardizzazzjoni.

*Kapitolu VII*

***Aċċess u trasferiment internazzjonali***

*Artikolu 31*

**Aċċess u trasferiment internazzjonali**

1. Il-korp tas-settur pubbliku, il-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun ingħata d-dritt għall-użu mill-ġdid tad-data skont il-Kapitolu II, il-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew l-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandhom jieħdu l-miżuri tekniċi, legali u organizzattivi raġonevoli kollha, inkluż arranġamenti kuntrattwali, sabiex jipprevjenu t-trasferiment internazzjonali jew l-aċċess governattiv għal data mhux personali miżmuma fl-Unjoni fejn tali trasferiment jew aċċess ikun joħloq kunflitt mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 jew 3.

2. Kwalunkwe deċiżjoni jew sentenza ta' qorti jew tribunal ta' pajjiż terz u kwalunkwe deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz li tirrikjedi li korp tas-settur pubbliku, persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun ingħata d-dritt għall-użu mill-ġdid tad-data skont il-Kapitolu II, fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data jittrasferixxu jew jagħtu aċċess għal data mhux personali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament miżmuma fl-Unjoni għandhom jiġu rikonoxxuti jew infurzabbli fi kwalunkwe mod fil-każ biss li jkunu bbażati fuq ftehim internazzjonali, bħal pereżempju trattat dwar l-assistenza legali reċiproka, fis-seħħ bejn il-pajjiż terz li jagħmel it-talba u l-Unjoni jew kwalunkwe tali ftehim bejn il-pajjiż terz li jagħmel it-talba u Stat Membru.

3. Fin-nuqqas ta' ftehim internazzjonali kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, fejn korp tas-settur pubbliku, persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun ingħata d-dritt għall-użu mill-ġdid tad-data skont il-Kapitolu II, fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data tkun id-destinatarju ta' deċiżjoni jew sentenza ta' qorti jew ta' tribunal ta' pajjiż terz jew deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva ta' pajjiż terz li tittrasferixxi jew tagħti aċċess għal data mhux personali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament miżmuma fl-Unjoni u l-konformità ma' tali deċiżjoni tkun qed tirriskja li tpoġġi lid-destinatarju f'kunflitt mal-liġi tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti, it-trasferiment jew l-aċċess għal tali data minn dik l-awtorità ta' pajjiż terz għandu jsir biss:

(a) fejn is-sistema ta' pajjiż terz teħtieġ li jiġu stabbiliti r-raġunijiet u l-proporzjonalità ta' tali deċiżjoni jew sentenza, u tirrikjedi li tali deċiżjoni jew sentenza tkun ta' natura speċifika, pereżempju billi tiġi stabbilita rabta suffiċjenti ma' ċerti persuni suspettati, jew ksur;

(b) l-oġġezzjoni motivata tad-destinatarju tkun soġġetta għal rieżami minn qorti kompetenti jew it-tribunal ta’ pajjiż terz; u

(c) il-qorti kompetenti jew it-tribunal ta’ pajjiż terz li joħroġ id-deċiżjoni jew is-sentenza jew li jirrieżamina d-deċiżjoni ta’ awtorità amministrattiva tingħata s-setgħa skont il-liġi ta’ dak il-pajjiż terz li tqis debitament l-interessi legali rilevanti tal-fornitur tad-data protetta skont il-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti.

4. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, jew 3, il-korp tas-settur pubbliku, il-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun ingħata d-dritt għall-użu mill-ġdid tad-data skont il-Kapitolu II, il-fornitur tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data jew l-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandhom jipprovdu l-ammont minimu ta’ data permissibbli bi tweġiba għal talba, abbażi ta’ interpretazzjoni raġonevoli tat-talba.

5. Il-korp tas-settur pubbliku, il-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun ingħata d-dritt għall-użu mill-ġdid tad-data skont il-Kapitolu II, il-fornitur tas-servizzi ta’ intermedjazzjoni tad-data u l-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għandhom jinfurmaw lid-detentur tad-data dwar l-eżistenza ta’ talba ta’ awtorità amministrattiva ta’ pajjiż terz biex ikollu aċċess għad-data tagħhom qabel ma jikkonformaw ma’ dik it-talba, ħlief fejn it-talba taqdi skopijiet ta’ infurzar tal-liġi u sakemm dan ikun meħtieġ biex tiġi ppreservata l-effettività tal-attività tal-infurzar tal-liġi.

## *KAPITOLU VIII*

## ***Proċedura ta’ delega u ta’ kumitat***

### *Artikolu 32*

### **Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet mogħtija f’dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(13) u l-Artikolu 22(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat mit-23 ta’ Ġunju 2022.

3. Id-delega ta’ setgħa msemmija fl-Artikolu 5(13) u l-Artikolu 22(1) tista’ tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f’data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f’konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(13) jew l-Artikolu 22(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien tliet xhur min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

### *Artikolu 33*

### **Proċedura ta’ kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

## *KAPITOLU IX*

## ***Dispożizzjonijiet finali U TRANŻIZZJONALI***

### *Artikolu 34*

### **Pieni**

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tal-obbligi rigward it-trasferimenti ta' data mhux personali lil pajjiżi terzi skont l-Artikolu 5(14) u l-Artikolu 31, l-obbligu ta' notifika tal-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data li jinnotifikaw skont l-Artikolu 11, il-kondizzjonijiet biex jiġu pprovduti servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data skont l-Artikolu 12, u l-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni bħala organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data skont l-Artikoli 18, 20, 21 u 21 u għadhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Fir-regoli tagħhom dwar il-pieni, l-Istati Membri għandhom iqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data. Sal-24 ta' Settembru 2023, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli u dwar dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

2. L-Istati Membri għandhom iqisu l-kriterji mhux eżawrjenti u indikattivi li ġejjin għall-impożizzjoni ta' pieni fuq fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data għal ksur ta' dan ir-Regolament, fejn xieraq:

(a) in-natura, il-gravità, l-iskala u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(b) kwalunkwe azzjoni meħuda mill-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew l-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data biex jiġi mmitigat jew rimedjat id-dannu kkawżat mill-ksur;

(c) kwalunkwe ksur preċedenti mill-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew l-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data;

(d) il-benefiċċji finanzjarji miksuba jew it-telf evitat mill-fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data jew l-organizzazzjoni rikonoxxuta tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data minħabba l-ksur, sa fejn tali benefiċċji jew telf ikun jista' jiġi stabbilit b'mod affidabbli;

(e) kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti ieħor applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

### *Artikolu 35*

### **Evalwazzjoni u rieżami**

Sal-24 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn meħtieġ, minn proposti leġiżlattivi.

Ir-rapport għandu jivvaluta b'mod partikolari:

(a) l-applikazzjoni u l-funzjonament tar-regoli dwar il-pieni stipulati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 34;

(b) il-livell ta' konformità ma' dan ir-Regolament tar-rappreżentanti legali tal-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data u l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data li mhumiex stabbiliti fl-Unjoni u l-livell ta' inforzabbiltà tal-pieni imposti fuq dawk il-fornituri u organizzazzjonijiet;

(c) it-tip ta' organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rreġistrati skont il-Kapitolu IV u ħarsa ġenerali lejn l-objettivi ta' interess ġenerali li għalihom tiġi kondiviża d-data bil-ħsieb li jiġu stabbiliti kriterji ċari f'dak ir-rigward.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

*Artikolu 36*

**Emenda għar-Regolament (UE) 2018/1724**

Fit-tabella fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1724, l-entrata "Il-bidu, it-tmexxija u l-għeluq ta' negozju" hija sostitwita b'dan li ġej:

| Avvenimenti tal-ħajja | Proċeduri | Ir-riżultat mistenni soġġett għal valutazzjoni tal-applikazzjoni mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-liġi nazzjonali, fejn rilevanti |
|---|---|---|
| Il-bidu, it-tmexxija u l-għeluq ta' negozju | Notifika tal-attività ta' negozju, permess għall-eżerċizzju ta' attività ta' negozju, bidliet fl-attività ta' negozju u t-terminazzjoni ta' attività ta' negozju li ma tinvolvix proċeduri ta' insolvenza jew ta' likwidazzjoni, bl-esklużjoni tar-reġistrazzjoni inizjali ta' attività ta' negozju mar-reġistru tan-negozji u minbarra l-proċeduri li jirrigwardaw il-kostituzzjoni ta' kumpaniji jew ditti, jew kwalunkwe preżentazzjoni sussegwenti minnhom, skont it-tifsira tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 TFUE | Konferma tar-riċevuta tan-notifika jew bidla, jew tat-talba għal permess għal attività tan-negozju |
| | Reġistrazzjoni ta' impjegatur (persuna fiżika) mal-iskemi obbligatorji tal-pensjoni u tal-assigurazzjoni | Konferma tar-reġistrazzjoni jew in-numru ta' reġistrazzjoni tas-sigurtà soċjali |
| | Reġistrazzjoni ta' impjegati mal-iskemi obbligatorji tal-pensjoni u tal-assigurazzjoni | Konferma tar-reġistrazzjoni jew in-numru ta' reġistrazzjoni tas-sigurtà soċjali |
| | Preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva | Konferma tal-irċevuta tad-dikjarazzjoni |
| | Notifika lill-iskemi tas-sigurtà soċjali tat-tmiem ta' | Konferma tal-irċevuta tan-notifika |
| | kuntratt ma' impjegat, minbarra l-proċeduri għat-tmiem kollettiv tal-kuntratti tal-impjegati | Wasla jew forma oħra ta' konferma ta' pagament ta' |
| | Pagament ta' kontribuzzjonijiet soċjali għall-impjegati | kontribuzzjonijiet soċjali għall-impjegati |
| | Notifika ta' fornitur tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data | Konferma tal-wasla tan-notifika |

*Artikolu 37*

**Arranġamenti tranżizzjonali**

Entitajiet li jipprovdu s-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data msemmija fl-Artikolu 10 fit-23 ta' Ġunju 2022 għandhom jikkonformaw mal-obbligi msemmija fil-Kapitolu III sal-24 ta' Settembru 2025.

*Artikolu 38*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-24 ta' Settembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2022.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| R. METSOLA | B. LE MAIRE |